MT 2017

Nru 03

Rapport Speċjali

# Assistenza mill-UE lit-Tuneżija

1977 - 2017

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-6968-3 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/105311 | QJ-AB-17-002-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-6952-2 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/730584 | QJ-AB-17-002-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-7004-7 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/65927 | QJ-AB-17-002-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2017
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

MT 2017 Nru 03

Rapport Speċjali

# Assistenza mill-UE lit-Tuneżija

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla III tal-QEA, li hija responsabbli għall-awditjar tal-oqsma ta' nfiq tal-azzjonijiet esterni u tas-sigurtà u ġustizzja. Is-Sur Karel Pinxten, id-Dekan ta' din l-Awla, huwa l-Membru relatur. Fit-tħejjija tar-rapport, huwa kien appoġġat mill-Kap tal-kabinett tiegħu, Gerard Madden; Alejandro Ballester Gallardo, Maniġer prinċipali tal-awditjar; Nikolaos Zompolas, Kap tal-kompitu; Thomas Haellstrom, Erika Soveges u Nicola Berloco, Awdituri.



*Mix-xellug għal-lemin:* Karel Pinxten, Alejandro Ballester Gallardo, Nikolaos Zompolas, Gerard Madden, Erika Soveges, Nicola Berloco, Thomas Haellstrom.

# Werrej



Paragrafu


Akronimi u abbrevjazzjonijiet

I - VIII Sommarju eżekuttiv

1 - 11 Introduzzjoni

1 - 6 Kuntest tal-pajjiż

7 - 8 Qafas ta' kooperazzjoni tal-UE

9 - 11 Finanzjament għall-iżvilupp

12 - 15 Ambitu u approċċ tal-awditjar

16 - 61 Osservazzjonijiet

16 - 28 Is-SEAE u l-Kummissjoni indirizzaw il-biċċa l-kbira mill-isfidi ewlenin billi allokaw fondi addizzjonali sostanzjali f'koordinazzjoni mad-donaturi prinċipali, iżda l-għajnuna ma kinitx iffukata biżżejjed

17 - 22 Il-fondi nżdiedu b'mod sinifikanti biex ir-rekwiżiti urġenti setgħu jiġu indirizzati

23 - 25 Il-fondi kienu mifruxa fuq għadd kbir wisq ta' oqsma

26 - 28 L-azzjonijiet tal-UE ġew ikkoordinati tajjeb mad-donaturi prinċipali, iżda ma nkisbitx programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri

29 - 61 L-azzjonijiet tal-UE assistew lit-Tuneżija sostanzjalment iżda kien hemm nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-programmi mill-Kummissjoni

30 - 44 L-appoġġ baġitarju ġenerali ġie żborżat b'mod rapidu iżda l-kundizzjonalità marbuta miegħu kienet flessibbli wisq

45 - 47 Is-selfa ta' AMF ipprovdiet aċċess siewi għal finanzjament minkejja d-dewmien u r-rata baxxa ta' żborżament

48 - 54 Il-programmi ta' appoġġ baġitarju settorjali kienu rilevanti iżda ma kellhomx strateġija kredibbli

55- 61 Il-proġetti kienu jittrattaw problemi rilevanti iżda kien hemm dgħufijiet u dewmien relatati mat-tfassil

## Werrej

62- 73 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I — Lista ta' Programmi ta' Appoġġ Baġitarju u ta' Assistenza Makrofinanzjarja

Anness II — Lista ta' proġetti

**Risposti tal-Kummissjoni u tas-SEAE**

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet



**ADB**: Bank Afrikan tal-Iżvilupp

**AFD**: Aġenzija Franċiża tal-Iżvilupp

**AMF**: Assistenza Makrofinanzjarja

**BEI**: Bank Ewropew tal-Investiment

**BERŻ**: Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

**CRIS**: Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex

**DAC**: Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi)

**DUE**: Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea

**ENI**: Strument Ewropew ta' Viċinat

**ENPI**: Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija

**FMI**: Fond Monetarju Internazzjonali

**NIF**: Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat

**PAB**: Programmi ta' Appoġġ Baġitarju

**PAR**: Programme d'Appui à la Relance

**PEFA**: Nefqa Pubblika u Responsabbiltà Finanzjarja

**PIN**: Programm Indikattiv Nazzjonali

**SEAE**: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**SPRING**: Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inklużiv

**SBC**: Kuntratti għall-Bini tal-Istat

**SSF**: Qafas ta' Appoġġ Uniku

# Sommarju eżekuttiv



**I**

Ir-"rivoluzzjoni tal-Ġiżimin" tat-Tuneżija, li seħħet f'Jannar 2011, hija meqjusa bħala l-ewwel minn sensiela ta' rewwixti tar-"Rebbiegħa Għarbija". Minn dak iż-żmien 'il hawn, it-Tuneżija avvanzat sostanzjalment fit-tranżizzjoni politika tagħha lejn id-demokrazija matul perjodu ta' inċertezza li kien ikkaratterizzat minn instabbiltà politika, ferment soċjali u attakki terroristiċi. L-UE pprovdiet appoġġ politiku konsiderevoli u appoġġ finanzjarju sostanzjali biex tgħin lit-Tuneżija tiffaċċja l-isfidi l-ġodda. Fil-perjodu 2011 sa 2015, l-UE allokat somma ta' EUR 1.3 biljun f'assistenza bilaterali lit-Tuneżija.

**II**

Aħna vvalutajna jekk l-assistenza mill-UE li twasslet lit-Tuneżija wara r-rivoluzzjoni tar-Rebbiegħa Għarbija tal-2011 intnefqitx tajjeb. Aħna nikkonkludu li, b'mod ġenerali, il-flus intnefqu tajjeb billi kkontribwew sinifikattivament għat-tranżizzjoni demokratika u għall-istabbiltà ekonomika tat-Tuneżija wara r-rivoluzzjoni. Madankollu, kien hemm għadd ta' nuqqasijiet fil-mod ta' kif il-Kummissjoni mmaniġġjat l-assistenza li ngħatat.

**III**

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni rreaġew b'mod rapidu billi pprovdew appoġġ finanzjarju għall-indirizzar ta' tnejn mill-isfidi prinċipali: il-kriżi ekonomika u t-tranżizzjoni lejn id-demokrazija. Aħna sibna li l-Kummissjoni ppruvat tittratta għadd kbir wisq ta' oqsma, bir-riżultat li l-impatt potenzjali tal-għajnuna tagħha tnaqqas u li kien diffiċli biex l-azzjonijiet numerużi tagħha jiġu mmaniġġjati. L-azzjonijiet tal-UE kienu kkoordinati tajjeb mad-donaturi prinċipali u fi ħdan l-istituzzjonijiet u d-dipartimenti tal-UE, iżda l-programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri ma twettqitx.

**IV**

Il-finanzjament mill-UE twassal b'diversi modi: appoġġ baġitarju ġenerali u settorjali, selfa ta' Assistenza Makrofinanzjarja (AMF) u proġetti awtonomi.

**V**
Erba' programmi kbar ta' appoġġ baġitarju ttrasferew fondi sostanzjali b'mod rapidu, u assistew lill-kontropartijiet Tuneżini biex jiffurmaw aġenda għar-riforma. Madankollu, il-kundizzjonijiet għall-iżborżament kienu flessibbli wisq u naqqsu l-inċentiv tas-sieħeb biex jieħu l-miżuri speċifikati fil-ftehimiet ta' finanzjament. Il-valutazzjoni tan-Nefqa Pubblika u Responsabbiltà Finanzjarja (PEFA), li tista' sservi bħala test indisputabbli tal-progress veru li sar fuq ir-riformi fis-settur tal-finanzi pubbliċi, ilha ma ssir mill-2010. Il-valutazzjoni l-ġdida tal-PEFA hija mistennija li tiġi finalizzata f'Marzu 2017.

**VI**
L-implimentazzjoni bil-mod kienet nuqqas prinċipali li kien komuni għas-selfa ta' AMF, għall-biċċa l-kbira mill-appoġġ baġitarju settorjali u għall-proġetti. Is-selfa ta' AMF għenet lit-Tuneżija biex din taċċessa għall-finanzjament fuq termini favorevoli. L-appoġġ baġitarju settorjali ġie pprovdut lil tliet setturi iżda tnejn minn dawn ma kellhomx strateġiji settorjali kredibbli. Kemm għall-appoġġ baġitarju settorjali kif ukoll għall-proġetti, aħna sibna każijiet fejn l-objettivi tal-azzjonijiet la kienu speċifiċi u lanqas ma setgħu jitkejlu.

**VII**
L-awtoritajiet Tuneżini implimentaw xi riformi sinifikanti, iżda b'ritmu bil-mod ħafna. Din l-implimentazzjoni bil-mod kienet prinċipalment dovuta għall-ħafna tibdil ta' gvernijiet u għan-natura u l-għadd sinifikanti ta' sfidi li ġew iffaċċjati. Il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha biex tkompli tappoġġa lit-Tuneżija, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi.

**VIII**
Ir-rapport jippreżenta għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib fl-ippjanar tal-assistenza u fil-ġestjoni tal-azzjonijet tal-UE.

# Introduzzjoni



## Kuntest tal-pajjiż

### 01

It-Tuneżija hija pajjiż b'introjtu medju-baxx, li jinsab fl-Afrika ta' Fuq. Fl-2015, kellha popolazzjoni ta' bejn wieħed u ieħor 11-il miljun persuna u Introjtu Nazzjonali Gross *per capita* ta' USD 3 970[1]. Wara 23 sena fil-poter, il-President Zine El Abidine Ben Ali tneħħa mill-kariga f'Jannar 2011 wara r-Rivoluzzjoni Tuneżina, magħrufa wkoll bħala r-"Rivoluzzjoni tal-Ġiżimin". Din hija meqjusa bħala l-ewwel waħda mir-rewwixti li kollettivament huma magħrufa bħala r-Rebbiegħa Għarbija.

### 02

It-Tuneżija hija l-pajjiż ta' wara r-rivoluzzjoni tar-Rebbiegħa Għarbija li għandu t-tranżizzjoni politika l-aktar avvanzata. F'dawn l-aħħar erba' snin, hija adottat kostituzzjoni ġdida u kellha elezzjonijiet ħielsa u ġusti. Il-Premju Nobel għall-Paċi tal-2015 ngħata lill-Kwartett għad-Djalogu Nazzjonali[2], għall-kontribut deċiżiv tiegħu għall-bini ta' demokrazija pluralistika fit-Tuneżija b'segwitu għar-Rivoluzzjoni tal-Ġiżimin fl-2011.

### 03

Wara l-2011, il-pajjiż għadda minn ammont sinifikanti ta' inċertezza, ferment soċjali u attakki minn militanti armati kontra persuni ċivili. F'dan il-perjodu, huwa pprova jippreżerva l-istabbiltà makroekonomika fuq terminu qasir, f'ambjent ekonomiku internazzjonali diffiċli, u f'taqlib reġjonali akbar.

### 04

It-tisħiħ tal-attività ekonomika huwa waħda mill-isfidi l-aktar sinifikanti tat-Tuneżija billi dan huwa prerekwiżit għall-indirizzar sostenibbli tal-problemi soċjoekonomiċi ċentrali tal-pajjiż, jiġifieri l-livell għoli ta' qgħad u d-disparitajiet reġjonali. Matul id-deċennju mis-sena 2000 sal-2010, it-Tuneżija kisbet tkabbir ekonomiku medju ta' 4.4 %, iżda r-rata naqset b'1.9 % fl-2011, is-sena tar-rivoluzzjoni. Ir-rata kumplessiva tal-qgħad hija għolja. Wara li telgħet għal 19 % fl-2011, ir-rata tjiebet għal 15 % fl-2015. Madankollu, ir-rata tal-qgħad hija b'mod partikolari għolja fost in-nisa (23 %), fost il-gradwati żgħażagħ (67 %), u fost iż-żgħażagħ inġenerali (35 %)[3].

### 05

It-Tuneżija qed tiffaċċja sfidi relatati mal-kapaċità istituzzjonali dgħajfa, maċ-ċentralizzazzjoni eċċessiva tat-teħid ta' deċiżjonijiet u mal-korruzzjoni. It-Tuneżija tinsab fin-nofs tal-klassifikazzjoni, is-76 pajjiż minn 174 pajjiż fl-2015, fl-Indiċi Dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni, ta' Transparency International[4]. L-Indiċi dwar l-Istat tad-Dritt, ta' World Justice Project, għall-2015 tikklassifika lit-Tuneżija fit-43 post kumplessivament u fost l-aħjar pajjiżi fir-reġjun.

1 Il-Bank Dinji, il-Bank Dinji tad-*Data*, Indikaturi tal-Iżvilupp.

2 Il-Kwartett għad-Djalogu Nazzjonali ġie ffurmat fl-2013 u jikkonsisti f'erba'organizzazzjonijiet fis-soċjetà ċivili Tuneżina: It-Trejdunjin Ġenerali Tuneżina, il-Konfederazzjoni Tuneżina tal-Industrija, tas-Snajja' u tal-Artiġjanat, il-Lega Tuneżina għad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Ordni Tuneżina tal-Avukati.

3 Il-Fond Monetarju Internazzjonali, "Request for an extended arrangement under the extended Fund Facility" (Talba għal arranġament estiż taħt il-Faċilità ta' Fond estiża), Mejju 2016.

4 L-indiċi ta' trasparenza tat-Tuneżija naqset minn 41 fl-2012 u fl-2013, għal 40 fl-2014 u 38 fl-2015.

**06**
Is-sigurtà qed issir aktar u aktar sfida importanti. Wara l-ġlied mas-Salafisti (2012) u l-assassinji politiċi (2013), l-attakki terroristiċi tal-2015 fil-Mużew ta' Bardo, f'Sousse u kontra l-Gwardja Presidenzjali kienu daqqa ta' ħarta kbira kemm għall-ekonomija tal-pajjiż[5] kif ukoll għas-soċjetà.

## Qafas ta' kooperazzjoni tal-UE

**07**
Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija, ta' Lulju 1995, huwa l-bażi għar-relazzjonijiet bilaterali. F'Novembru 2006, il-Kummissjoni ħarġet Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż li jistabbilixxi l-qafas għall-kooperazzjoni tal-UE mat-Tuneżija għall-perjodu 2007-2013. F'Novembru 2010, il-Kummissjoni ħarġet analiżi ta' nofs it-terminu tal-istrateġija u l-Programm Indikattiv Nazzjonali (PIN) għall-perjodu 2011 sa 2013[6], li permezz tiegħu din l-istrateġija ddaħħlet fil-prattika.

**08**
Il-kooperazzjoni tal-UE nbidlet sinifikattivament wara r-rivoluzzjoni tar-Rebbiegħa Għarbija, fl-2011. F'Marzu 2011, l-UE impenjat lilha nfisha li tagħti l-appoġġ tagħha lil dawk il-ġirien kollha tagħha fin-Nofsinhar li kienu "kapaċi u ħerqana li jaqbdu t-triq tar-riformi permezz ta' Sħubija għad-Demokrazija u Prosperità Komuni"[7]. F'Mejju 2011, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni adottaw approċċ ġdid fir-rigward tas-16-il pajjiż tal-Viċinat Ewropew[8]. Dan l-approċċ il-ġdid kellu l-għan li jsaħħaħ is-sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi u s-soċjetajiet tal-viċinat, li jibni u jikkonsolida demokraziji b'saħħithom, li jimmira għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u li jistabbilixxi rabtiet fost in-nies u s-soċjetà ċivili tal-pajjiżi fir-reġjun. Ibbażat fuq l-approċċ strateġiku l-ġdid, fl-2012, l-UE kkonkludiet ftehim politiku mat-Tuneżija dwar Pjan ta' Azzjoni għall-perjodu 2013 sa 2017 li stabbilixxa sħubija privileġġjata[9]. L-elementi ewlenin ta' dik is-sħubija huma:

(a) kooperazzjoni politika aktar profonda, li tinkludi djalogu politiku ta' livell għoli, kooperazzjoni parlamentari, kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' sigurtà u demokrazija u ġustizzja;

(b) integrazzjoni soċjali u ekonomika usa' mal-Unjoni Ewropea li tgħin fil-bini ta' Żona Ekonomika Komuni, kif ukoll l-iżviluppar tal-*Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv bejn l-UE u t-Tuneżija*;

(c) sħubija eqreb bejn il-popli bit-tisħiħ tar-rabtiet individwali u organizzazzjonali fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjieg, is-saħħa, il-kultura, l-immigrazzjoni u l-mobbiltà.

5 Fl-2015, l-attivitajiet tat-turiżmu (irċevuti tal-kambju) naqsu b'54 %.

6 Is-SEAE/il-Kummissjoni Ewropea, Tunisie Programme Indicatif National 2011-2013.

7 KUMM(2011) 200 finali tat-8 ta' Marzu 2011 "Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran".

8 KUMM(2011) 303 finali tal-25 ta' Mejju 2011 "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni".

9 Is-SEAE, "Relations Tunisie-Union Européenne: Un partenariat privilégié. Plan d'Action 2013-2017" https://eeas.europa.eu/delegations/tunisia/documents/press_corner/plan_action_tunisie_ue_2013_2017_fr.pdf

## Finanzjament għall-iżvilupp

**09**

L-assistenza għall-kooperazzjoni bilaterali li ġiet allokata lit-Tuneżija għall-perjodu mill-2011 sal-2015 kienet ta' EUR 1.3 biljun. Dan il-finanzjament kien jinkludi programmi tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), strumenti u programmi tematiċi[10], għajnuna umanitarja, il-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF), u ftehim wieħed ta' AMF li ġie ffirmat fl-2014 (ara l-***Graff 1***).

10 L-istrumenti tematiċi huma l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, il-programm ta' kooperazzjoni transfruntiera (bejn l-Italja u t-Tuneżija), u l-programm għal atturi mhux statali u awtoritajiet lokali.

Graff 1

### Impenji għat-Tuneżija skont l-istrument ta' finanzjament għall-perjodu 2011 sa 2015




*Sors:* Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea (DUE) fit-Tuneżija, ir-Rapport tal-2015, Coopération de l'Union européenne en Tunisie, Mejju 2016 u d-database tas-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex (CRIS).

10

Fil-perjodu mill-2011 sal-2015, il-Kummissjoni ppjanat u implimentat programmi ta' appoġġ baġitarju (ara l-***Kaxxa 1***), kemm ġenerali kif ukoll settorjali, selfa ta' AMF u proġetti awtonomi. Il-programmi ta' appoġġ baġitarju ġenerali kienu jikkonsistu f'raggruppament ta' ħames programmi konsekuttivi[11] li kellhom l-għan li jagħtu spinta ġdida lill-ekonomija u kienu jinkludu miżuri għal riformi strutturali f'diversi oqsma. Il-programmi ta' appoġġ baġitarju settorjali essenzjalment kienu twaqqfu qabel l-2011 iżda, fil-biċċa l-kbira, l-iżborżamenti twettqu wara r-rivoluzzjoni. Huma koprew diversi oqsma bħall-edukazzjoni, l-ilma, l-ambjent u r-riforma tal-baġit tal-Istat. Addizzjonalment, il-Kummissjoni ffinanzjat proġetti li koprew servizzi, xogħlijiet, akkwist ta' tagħmir u programmi ta' ġemellaġġ. Il-Kummissjoni għamlet kuntratti ma' tipi differenti ta' korpi ta' implimentazzjoni bħal aġenziji tan-NU, aġenziji nazzjonali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

11 PAR1 hija operazzjoni baġitarja multisettorjali, u PAR2 sa PAR5 huma operazzjonijiet relatati ma' Kuntratti għall-Bini tal-Istat (SBC). SBC jipprovdu appoġġ baġitarju f'sitwazzjonijiet fraġli u ta' tranżizzjoni. Huma ġew introdotti mill-Kummissjoni fl-2012 u, għall-iskopijiet ta' kkowdjar tad-DAC, jitqiesu bħala appoġġ baġitarju ġenerali.

**Kaxxa 1**

## Il-modalità tal-appoġġ baġitarju

L-appoġġ baġitarju jinvolvi t-trasferiment ta' riżorsi finanzjarji lit-Teżor Nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, wara li dan tal-aħħar ikun irrispetta l-kundizzjonijiet għall-pagament li dwarhom ikun intlaħaq qbil. Dan l-appoġġ ma jingħatax lil kull pajjiż. Il-kriterji ta' eliġibbiltà jridu jiġu ssodisfati qabel u matul il-programm, u l-kundizzjonijiet iridu jkunu ġew rispettati qabel ma jsiru l-pagamenti.

Dan jinvolvi djalogu, trasferimenti finanzjarji għall-kont tat-teżor nazzjonali tal-pajjiż sieħeb, valutazzjoni tal-prestazzjoni u żvilupp tal-kapaċità, ibbażat fuq sħubija u obbligu reċiproku ta' rendikont.

L-Appoġġ Baġitarju jitħallas f'segmenti fissi jew varjabbli. Is-segmenti fissi għandhom valur fiss, li jiġi speċifikat minn qabel fi ħdan il-ftehim ta' finanzjament. Huma jiġu żborżati kompletament (meta l-kundizzjonijiet kollha jiġu ssodisfati) jew ma jiġu żborżati xejn (jekk kundizzjoni waħda jew aktar ma tiġix issodisfata). Segmenti varjabbli għandhom valur massimu li jiġi speċifikat minn qabel fil-ftehim ta' finanzjament. Huma jiġu żborżati kompletament jew parzjalment u, f'dan il-każ, l-ammont żborżat ikun ibbażat fuq il-prestazzjoni miksuba meta mqabbla ma' miri speċifikati minn qabel jew ma' indikaturi tal-prestazzjoni deżinjati (dment li fl-istess ħin il-kundizzjonijiet ġenerali kollha jiġu ssodisfati).

Siltiet mil-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju, tal-Kummissjoni Europea, Settembru 2012.

**11**

Franza u l-Ġermanja huma d-donaturi bilaterali Ewropej prinċipali l-oħra[12]. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)[13] u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ)[14] huma mutwanti prinċipali fit-Tuneżija. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali wkoll jipprovdu finanzjament sostanzjali. Mill-2012 'il hawn, il-Bank Dinji impenja USD 2.1 biljun b'kollox. Il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ukoll għandu involviment konsiderevoli fit-Tuneżija. F'Mejju 2016, l-FMI approva t-tieni programm għall-pajjiż, arranġament estiż ta' 48 xahar għal ammont ta' USD 2.9 biljun[15].

12 Mill-2011 'il hawn, huma allokaw EUR 776 miljun u EUR 950 miljun rispettivament lit-Tuneżija f'self u għotjiet.

13 Mill-2011 'il hawn, il-finanzjament kumplessiv lit-Tuneżija huwa ta' EUR 1.5 biljun (f'setturi bħall-industrija, l-ilma, it-trasport, l-enerġija u s-servizzi).

14 Mill-2013 'il hawn, il-BERŻ iffinanzja 25 proġett u żborża total ta' EUR 300 miljun.

15 Dan huwa t-tieni programm tal-FMI fit-Tuneżija. Fil-perjodu mill-2013 sal-2015, programm ta' ftehim ta' riżerva żborża USD 1.6 biljun lit-Tuneżija.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



12
L-awditu eżamina jekk l-assistenza mill-UE li twasslet lit-Tuneżija wara r-rivoluzzjoni tar-Rebbiegħa Għarbija tal-2011 ntnefqitx tajjeb. Sabiex twettaq din il-valutazzjoni, l-awditu tal-effiċjenza u l-effettività tal-assistenza wieġeb għas-sottomistoqsijiet li ġejjin:

(i) Is-SEAE u l-Kummissjoni indirizzaw l-isfidi ewlenin li t-Tuneżija qed tiffaċċja?

(ii) Il-Kummissjoni implimentat il-programmi tagħha tajjeb?

13
L-awditu kopra l-infiq permezz tal-ENPI u l-ENI. Huwa ffoka fuq il-programmi ta' rispons għall-kriżi ekonomika u l-azzjonijiet tal-UE fl-oqsma tat-tranżizzjoni demokratika, il-governanza, il-ġustizzja u t-tkabbir ekonomiku. L-awditu kopra wkoll l-AMF.

14
Il-kampjun tal-awditjar kopra 70 % tal-assistenza ta' kooperazzjoni bilaterali li ġiet allokata lit-Tuneżija mill-2011 sal-2015[16]. Minbarra s-selfa ta' AMF, aħna awditjajna 7 programmi ta' appoġġ baġitarju u 14-il proġett. Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-azzjonijiet tal-UE li ġew koperti tingħata fl-***Annessi I*** u ***II***.

15
Ix-xogħol tal-awditjar twettaq bejn Marzu u Lulju 2016. Aħna ġbarna evidenza għall-valutazzjoni tagħna permezz ta' analiżi dokumentarja u intervisti mas-SEAE, mal-Kummissjoni u mad-Delegazzjoni tal-UE f'Tuneż, mal-awtoritajiet Tuneżini, mal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, kif ukoll mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u ma' donaturi oħra[17]. Wettaqna wkoll żjara ta' ġimagħtejn fit-Tuneżija f'Mejju 2016.

16 L-assistenza kumplessiva ta' kooperazzjoni bilaterali għall-perjodu mill-2011 sal-2015 hija ta' EUR 1.3 biljun. Din is-somma tinkludi programmi permezz tal-ENPI, l-ENI, l-istrumenti tematiċi, in-NIF u s-selfa ta' AMF.

17 L-FMI, il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, il-Bank Dinji, l-Aġenzija Franċiża tal-Iżvilupp.

## Is-SEAE u l-Kummissjoni indirizzaw il-biċċa l-kbira mill-isfidi ewlenin billi allokaw fondi addizzjonali sostanzjali f'koordinazzjoni mad-donaturi prinċipali, iżda l-għajnuna ma kinitx iffukata biżżejjed

**16**

F'din it-taqsima, aħna neżaminaw jekk il-prijoritajiet u l-allokazzjonijiet ta' finanzjament ġewx adattati b'mod xieraq wara l-2011 sabiex jindirizzaw l-isfidi ewlenin li t-Tuneżija qed tiffaċċja. Aħna nivvalutaw ukoll jekk l-isfidi ġewx indirizzati fil-pront permezz ta' azzjonijiet ikkoordinati tajjeb.

### Il-fondi nżdiedu b'mod sinifikanti biex ir-rekwiżiti urġenti setgħu jiġu indirizzati

**17**

Fl-2010, qabel ir-rivoluzzjoni, il-Kummissjoni kellha programm ta' għajnuna għall-iżvilupp[18] ta' EUR 240 miljun għall-perjodu 2011 sa 2013. Hija ssettjat l-oqsma ta' prijorità li ġejjin għall-assistenza għall-iżvilupp: impjieg, riformi ekonomiċi u appoġġ għas-settur privat u ġustizzja. Objettiv trażversali kien li l-firxa ta' governanza tajba tiġi estiża.

**18**

B'konsegwenza tar-rivoluzzjoni, il-fondi li ġew allokati nżdiedu sostanzjalment u l-fokus tal-kooperazzjoni bilaterali tal-UE nbidel. L-allokazzjonijiet għall-perjodu 2011 sa 2013 kważi rduppjaw għal EUR 445 miljun. L-allokazzjonijiet annwali medji, mill-ENPI u l-ENI[19], telgħu f'daqqa minn EUR 80 miljun, għall-perjodu qabel ir-rivoluzzjoni, għal EUR 170 miljun, għall-perjodu mill-2011 sal-2015 (ara l-***Graff 2***). Il-finanzjament, li nżdied b'mod sinifikanti, ingħata b'mod partikolari permezz tal-mekkaniżmu, ibbażat fuq l-inċentivi, ta' "aktar għal aktar", li pprovda assistenza addizzjonali lil dawk il-pajjiżi sieħba li wrew impenn sostnut għar-riformi kif ukoll progress fl-istess riformi[20].

18 L-istrateġija pluriennali ta' assistenza għall-iżvilupp għall-perjodu 2007 sa 2013 kienet stabbilita fid-dokument ta' strateġija għall-pajjiż. Il-PIN għall-perjodu 2011-2013 iddefinixxa f'aktar dettall il-fondi allokati u l-prijoritajiet. Il-PIN irrefera għall-fondi li ġew allokati taħt l-ENPI.

19 Mill-2014 'il quddiem, l-ENI sostitwixxa l-ENPI bħala l-istrumenti prinċipali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi tal-viċinat.

20 Il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" (imsejjaħ SPRING fil-kuntest tal-ENPI (sal-2013) u fondi Umbrella fil-kuntest tal-ENI (ara wkoll it-Tabella 1 dwar il-kontribuzzjonijiet addizzjonali)).

Graff 2

## Impenji annwali mill-ENPI u l-ENI għat-Tuneżija għall-perjodu 2007 sa 2015




*Sors:* Id-Database tal-CRIS.

**19**

Mill-2011 'il hawn, l-appoġġ għad-demokrazija kien wieħed mill-oqsma fil-mira għall-assistenza (ara l-***Graff 3***). L-UE wettqet missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali biex tiżgura li l-elezzjonijet jitmexxew b'mod xieraq. Aktar appoġġ għat-tranżizzjoni demokratika ngħata permezz ta' programmi li appoġġaw is-soċjetà ċivili, il-ġustizzja u l-attivitajiet tal-Parlament il-ġdid. Wara l-2011, il-Kummissjoni ħejjiet programmi biex tindirizza d-disparitajiet reġjonali li kienu fost il-kawżi ta' tensjonijiet relatati mas-sigurtà u tensjonijiet soċjali. Dawn il-programmi appoġġaw iż-żoni emarġinati, ir-riabilitazzjoni ta' nħawi b'introjtu baxx, u s-settur tas-saħħa.

**Graff 3** Impenji mill-ENPI u l-ENI għat-Tuneżija qabel u wara l-2011 skont il-qasam ta' prijorità (id-daqs huwa proporzjonali għall-allokazzjonijiet kull sena)




*Sors:* Il-Programmi Indikattivi Nazzjonali u s-Sitwazzjoni Attwali, maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea, Ottubru 2015.

20
Il-fondi addizzjonali li kienu saru disponibbli wara r-rivoluzzjoni ppermettew li s-SEAE u l-Kummissjoni jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-programm nazzjonali għall-irkupru ekonomiku. F'sitwazzjoni makroekonomika fraġli u li dejjem tiddeterjora, il-Programme d'Appui à la Relance (PAR) kien programm kbir li ta spinta ġdida u li ġab flimkien fondi sostanzjali minn diversi donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji biex jiġu pprovduti fondi ferm meħtieġa għat-trattament tal-ħtiġijiet ekonomiċi urġenti. Il-kontribuzzjoni mill-Kummissjoni lill-PAR kienet l-akbar nefqa li għamlet f'termini ta' fondi impenjati fit-Tuneżija. Dan il-finanzjament kien jikkonsisti f'ħames programmi ta' appoġġ baġitarju ġenerali li impenjaw EUR 448 miljun f'ħames snin, jiġifieri aktar minn nofs il-fondi li ġew allokati taħt l-ENPI u l-ENI għall-perjodu 2011 sa 2015. Dan l-ammont kien mirfud minn fondi taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar", li pprovdew EUR 155 miljun oħra fil-perjodu mill-2011 sal-2015 (ara l-paragrafu 18 u t-***Tabella 1***). Dan l-appoġġ baġitarju ġenerali kellu sinifikat partikolari għall-awtoritajiet Tuneżini billi l-biċċa l-kbira mill-finanzjament l-ieħor li ġie pprovdut mid-donaturi kien fil-forma ta' self, bi spejjeż għas-servizz u obbligi ta' ħlas lura.

Tabella 1

## Kontribuzzjoni ta' allokazzjonijiet taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" lill-programmi PAR

*(EUR miljun)*

| Programm PAR | Sena | Ammont kumplessiv allokat | fondi taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" allokati għal programmi PAR | Fondi totali taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" allokati annwalment |
|---|---|---|---|---|
| PAR1 | 2011 | 100 | 10 | 20 |
| PAR2 | 2012 | 68 | 0 | 80 |
| PAR3 | 2013 | 110 | 45 | 55 |
| PAR4 | 2014 | 100 | 47 | 50 |
| PAR5 | 2015 | 70 | 53 | 71.8 |
| **Total** | | **448** | **155** | **276.8**[1] |

1 Il-bilanċ ta' fondi ta' EUR 121.8 miljun taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" intuża għal proġetti fuq firxa wiesgħa ta' oqsma, eż. il-ġustizzja, ir-rinnovazzjoni tal-infrastruttura ta' nħawi fqar, eċċ.

*Sors:* Is-SEAE u d-database tal-CRIS.

21
Il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet ekonomiċi tal-pajjiż primarjament permezz tal-programmi PAR, iżda ngħata appoġġ addizzjonali permezz ta' selfa ta' AMF u permezz ta' proġetti speċifiċi. Wara talba mill-awtoritajiet Tuneżini, fl-2014 ingħatat selfa ta' EUR 300 miljun biex tissupplimenta s-selfa mill-FMI li kienet tappoġġa l-programm tal-Gvern ta' stabbilizzazzjoni u riforma ekonomiċi.

## 22

Filwaqt li l-isfidi għar-riforma makroekonomika u demokratika setgħu jiġu ttrattati relattivament malajr, dan ma kienx il-każ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà. Sa minn Ottubru 2011, il-Gvern Tuneżin kien diġà talab għall-ewwel darba l-appoġġ tal-UE għal din ir-riforma. Il-Kummissjoni rreaġiet fil-pront għal din it-talba iżda laħqu għaddew sentejn qabel ma l-awtoritajiet Tuneżini qablu dwar it-termini ta' referenza għal evalwazzjoni bejn il-pari tas-settur tas-sigurtà fit-Tuneżija. F'Diċembru 2013, 12-il espert tas-sigurtà mill-Istati Membri tal-UE ħarġu rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari. Wara li l-awtoritajiet Tuneżini taw l-approvazzjoni tagħhom, twettqet missjoni ta' identifikazzjoni u formulazzjoni f'Jannar 2015. L-attakki terroristiċi li seħħew f'Marzu u Ġunju 2015 aċċelleraw id-djalogu politiku u, f'Novembru 2015, il-Gvern Tuneżin daħal għall-proposta tal-Kummissjoni dwar programm ta' riforma tas-settur tas-sigurtà b'baġit ta' EUR 23 miljun. Dan sar erba' snin wara t-talba inizjali. Wara l-approvazzjoni tal-programm, f'Ġunju 2016 ġie ffirmat kuntratt għar-riabilitazzjoni tal-infrastrutturi tas-sigurtà u għall-forniment ta' tagħmir.

### Il-fondi kienu mifruxa fuq għadd kbir wisq ta' oqsma

## 23

L-awtoritajiet Tuneżini ma rnexxilhomx jiżviluppaw pjan affidabbli u komprensiv ta' żvilupp nazzjonali. In-nuqqas ta' dan il-pjan ippreviena lid-donaturi milli jkollhom stampa ġenerali tal-prijoritajiet tal-pajjiż, il-fondi meħtieġa, u l-progress rigward l-indikaturi ewlenin. Għaldaqstant, l-azzjonijiet tal-UE tfasslu fuq il-bażi tad-djalogu ta' politika kontinwu u intensiv mal-awtoritajiet Tuneżini, fuq rapporti li nħarġu permezz ta' diversi missjonijiet ta' valutazzjoni u identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li ġew organizzati mis-SEAE u mill-Kummissjoni.

## 24

L-azzjonijiet tal-UE koprew firxa wiesgħa ħafna ta' attivitajiet. Wara r-rivoluzzjoni tal-2011, kien hemm domanda qawwija għall-appoġġ f'ħafna setturi. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-perjodu 2013-2017 li stabbilixxa sħubija privileġġjata (ara l-paragrafu 8) issettja 13-il prijorità, li kull waħda minnhom ġiet assenjata bosta azzjonijiet. Fid-dawl taż-żieda tal-fondi disponibbli, il-Kummissjoni espandiet l-ambitu tal-kooperazzjoni biex tipprova tissodisfa din id-domanda. Id-dokumenti strateġiċi bħall-PIN 2011-2013 u l-Qafas ta' Appoġġ Uniku (SSF) 2014-2015 issettjaw oqsma ta' prijorità ġenerali ħafna. Dan wassal għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, u l-ippjanar ta' proġetti, li kienu jkopru għadd kbir wisq ta' oqsma. Fl-SSF 2014-2015, wieħed mis-setturi ta' prijorità (elementi fundamentali tad-demokrazija) kien jinkludi sitt komponenti distinti li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma: il-ġustizzja, l-opportunitajiet indaqs, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, ir-riforma tal-midja, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-appoġġ għas-settur kulturali[21]. Ir-rapport annwali tad-DUE[22] jirreferi għal azzjonijiet mifruxa fuq aktar minn 20 intestatura (li jinkludu l-edukazzjoni, is-saħħa, l-agrikoltura, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ir-riċerka, u oqsma tematiċi bħall-kooperazzjoni transkonfinali).

21 Id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u t-Tkabbir, tal-Kummissjoni, l-iskeda informattiva dwar l-Assistenza Finanzjarja lit-Tuneżija, is-Sitwazzjoni attwali: Ottubru 2015.

22 Id-DUE, ir-Rapport tal-2015, Coopération de l'Union européenne en Tunisie.

**25**
Il-varjetà enormi ta' oqsma ta' attività kienet tmur kontra l-objettiv proprju tal-Kummissjoni li tiffoka l-għajnuna fuq għadd żgħir ta' oqsma. L-aħjar prattika rikonoxxuta fl-allokazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp, kif stipulata fil-Kunsens tal-UE għall-Iżvilupp[23] u fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna[24] tiddikjara li jenħtieġ li d-donaturi tal-UE jimmiraw li jiffukaw l-involviment attiv tagħhom f'pajjiż partikolari fuq mhux aktar minn tliet setturi kull wieħed. Billi ma ffukatx l-isforzi tagħha biżżejjed, il-Kummissjoni naqqset mill-impatt potenzjali tal-finanzjament u rendiet il-ġestjoni tiegħu aktar diffiċli.

## L-azzjonijiet tal-UE ġew ikkoordinati tajjeb mad-donaturi prinċipali, iżda ma nkisbitx programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri

**26**
L-azzjonijiet tal-UE ġew ikkoordinati tajjeb mal-partijiet interessati internazzjonali prinċipali tal-iżvilupp fit-Tuneżija bħall-FMI, il-Bank Dinji, il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp (ADB) u l-Aġenzija Franċiża tal-Iżvilupp (AFD). L-UE ppjanat u implimentat programmi importanti flimkien ma' donaturi oħra – b'mod partikolari l-appoġġ baġitarju u l-AMF. Ċerti proġetti tal-UE ġew esegwiti minn aġenziji tan-NU, aġenziji tal-iżvilupp nazzjonali u banek tal-iżvilupp. Fl-2016, kien hemm ukoll disa' proġetti ta' ġemellaġġ li kienu għadhom għaddejjin, b'baġit totali ta' EUR 12-il miljun, u li kienu ffinanzjati mill-UE u ġew implimentati mill-Istati Membri[25].

**27**
L-UE hija d-donatur li jagħti l-ogħla ammont ta' għotjiet lit-Tuneżija u hija preżenti f'ħafna oqsma differenti. Għalhekk, id-DUE għandha rwol sinifikanti fil-komunità tad-donaturi. Hija tiffaċilita b'mod attiv il-koordinazzjoni tad-donaturi li jiltaqgħu mill-inqas darba fix-xahar u jiddiskutu fid-dettall l-ippjanar tal-programmi kif ukoll il-problemi li jistgħu jitfaċċaw eventwalment matul l-implimentazzjoni tal-programmi.

**28**
Is-SEAE u l-Kummissjoni ħadmu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni rilevanti f'kull stadju taċ-ċiklu tal-programmi, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-kumitat tal-ENI. Madankollu, din il-kollaborazzjoni ma kinitx testendi għall-programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri li kienet irrakkomandata mir-Regolament dwar l-ENI[26]. Matul dawn l-aħħar erba' snin, is-SEAE u l-Kummissjoni kellhom diskussjonijiet mal-Istati Membri tal-UE bil-ħsieb li gradwalment ikunu involuti fi programmazzjoni konġunta fit-Tuneżija.

23 Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar l-Unjoni Ewropea, (2006/C 46/01), Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp: "Il-Kunsens Ewropew".

24 L-OECD, id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, 2005 (http://www.oecd.org/dac/effectiveness/34428351.pdf).

25 Il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, in-Netherlands u l-Awstrija.

26 L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

## L-azzjonijiet tal-UE assistew lit-Tuneżija sostanzjalment iżda kien hemm nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-programmi mill-Kummissjoni

**29**

F'din it-taqsima, aħna neżaminaw kemm il-Kummissjoni implimentat tajjeb il-programmi tagħha ta' assistenza bilaterali għall-iżvilupp. Aħna nivvalutaw 4 tipi ta' programmi: (a) 4 programmi ta' appoġġ baġitarju ġenerali, (b) 3 programmi ta' appoġġ baġitarju settorjali, (c) is-selfa ta' AMF, u (d) 14-il proġett. Aħna nivvalutaw it-tfassil u l-eżekuzzjoni tagħhom, kif ukoll l-outputs imwassla.

### L-appoġġ baġitarju ġenerali ġie żborżat b'mod rapidu iżda l-kundizzjonalità marbuta miegħu kienet flessibbli wisq

**30**

Il-programmi PAR (ara l-paragrafu 20) kienu jirrappreżentaw madwar 56 % tal-impenji mill-ENPI u l-ENI. Dawn il-programmi rnexxielhom jgħaddu fondi sostanzjali lit-Tuneżija, relattivament malajr. B'mod ġenerali, għaddew bejn sena u sentejn mit-tfassil sal-iżborżament tal-parti l-kbira tal-ammont ikkuntrattat. Għaldaqstant, sa tmiem l-2015, il-programmi PAR kienu ħallsu 78 % tal-ammonti li ġew impenjati għall-perjodu 2011-2015, filwaqt li ċ-ċifri għas-selfa ta' AMF u għall-proġetti kienu 67 % u 22 % rispettivament. Sa tmiem l-2015, 60 % biss tal-allokazzjonijiet disponibbli għall-proġetti kienu ġew ikkuntrattati, filwaqt li 85 % u 100 % rispettivament tal-allokazzjonijiet taħt l-appoġġ baġitarju u dawk taħt l-AMF kienu ġew ikkuntrattati (ara l-***Graff 4***).

**Graff 4**

**Ammonti allokati, ikkuntrattati u mħallsa skont it-tip ta' assistenza (fil-31.12.2015, għall-perjodu 2011-2015)**




*Sors:* Id-database tal-CRIS.

31
Din l-assistenza mill-UE kienet maħsuba biex tgħaddi ammonti sostanzjali sabiex tappoġġa l-ekonomija fraġli, tippromwovi l-koeżjoni soċjali, u tħeġġeġ lit-Tuneżija taqbad "it-triq tar-riformi permezz ta' Sħubija għad-Demokrazija u Prosperità Komuni"[27]. L-iżborżamenti relatati matul il-perjodu 2011 sa 2015 kienu ta' madwar EUR 350 miljun.

32
L-ewwel programm PAR ġie ppjanat u implimentat b'mod konġunt mal-Bank Dinji, l-ADB u l-AFD[28] filwaqt li t-tieni wieħed sar mal-Bank Dinji u l-ADB. Il-baġit kumplessiv ta' PAR1 kien ta' EUR 1 000 000 000 f'self u għotjiet (li minnu l-UE kkontribwiet EUR 100 miljun). Il-baġit kumplessiv ta' PAR2 kien ta' EUR 720 miljun f'self u għotjiet, li għalih l-UE kkontribwiet EUR 68 miljun. L-ippjanar u l-eżekuzzjoni konġunti ta' dawk il-programmi amplifikaw l-ingranaġġ li d-donatur kellu fuq il-pajjiż sieħeb biex jimplimenta r-riformi. Żguraw ukoll li ma ssir l-ebda duplikazzjoni tal-isforzi fost id-donaturi. Il-PARs 3 u 4 li ġew wara kienu ffinanzjati mill-UE biss.

### Il-kundizzjonalità tal-iżborżament kienet flessibbli wisq

33
Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-programmi PAR saret permezz ta' appoġġ baġitarju ġenerali. Mill-2013 'il quddiem, dan ġie kklassifikat bħala "kuntratti għall-bini tal-Istat" (SBC). Din hija l-forma l-aktar flessibbli ta' appoġġ baġitarju u hija maħsuba għal pajjiżi li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni fraġli jew fi tranżizzjoni. Il-kundizzjonijiet għall-iżborżament taħt din il-forma ta' appoġġ baġitarju huma aktar flessibbli billi, pereżempju, il-kundizzjoni ta' eliġibbiltà biex il-pajjiżi sieħba jkollhom pjan affidabbli u kredibbli ta' żvilupp nazzjonali mhijiex meħtieġa dment li l-Gvern jidħol għall-impenn li jiżviluppa wieħed. Skont il-linji gwida proprja tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ baġitarju, l-SBCs mhux suppost li jdumu aktar minn sena jew sentejn. Għat-Tuneżija, din il-forma ta' appoġġ baġitarju diġà ngħatat għal tliet snin (il-PARs 3 u 4) iżda se terġa' tintuża fil-PAR l-aktar reċenti (PAR5), għal durata ta' tliet snin oħra.

27 KUMM(2011) 200 finali.

28 Il-kontribuzzjoni tat-tliet kodonaturi saret fil-forma ta' self.

**34**

Il-programmi PAR jiffunzjonaw permezz tal-iżborżament ta' segment wieħed jew tnejn fuq massimu ta' sentejn. Taħt l-aħjar prattiki applikabbli għall-programmi ta' appoġġ baġitarju, il-Kummissjoni l-ewwel tilħaq qbil dwar programm ta' riforma mal-pajjiż sieħeb. Ibbażat fuq dan il-programm, il-Kummissjoni mbagħad tiddeċiedi dwar il-kundizzjonijiet għall-iżborżament, tiffirma l-ftehim ta' finanzjament, u tagħti perjodu ta' żmien lill-pajjiż sieħeb biex jimplimenta dawn ir-riformi u konswegwentement jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-iżborżament. Madankollu, fil-każ tal-programmi PAR, il-kundizzjonijiet ġew sostanzjalment issodisfati qabel ma sar il-ftehim ta' finanzjament, anke matul l-istadju tal-ippjanar. Dan il-*modus operandi* ntuża sistematikament mill-Kummissjoni sabiex il-pagament tal-ewwel segment tal-programmi PAR isir aktar malajr. Għaldaqstant, l-iżborżament tal-ewwel segment ta' PAR1 sar xahrejn wara l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament; għal PAR2 u PAR3 dan sar wara ġimagħtejn biss (ara t-***Tabella 2***).

Tabella 2

## Eżekuzzjoni tal-programmi PAR

| Programmi PAR | | | | Rapidità tal-implimentazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Programm | Sena tad-deċiżjoni | Allokati | Imħallsa | Data tal-iffirmar tal-Ftehim ta' Finanzjament | Data tal-pagament (l-ewwel segment) | Data tal-pagament (it-tieni segment) | Perjodu ta' żmien bejn il-Ftehim ta' Finanzjament u l-ewwel pagament | Perjodu ta' żmien bejn il-Ftehim ta' Finanzjament u t-tieni pagament |
| PAR 1 | 2011 | 100 000 000 | 99 424 813 | 28.9.11 | 2.12.11 | 17.12.12 | 64 | 439 |
| PAR 2 | 2012 | 68 000 000 | 65 415 314 | 4.12.12 | 17.12.12 | MA | 13 | MA |
| PAR 3 | 2013 | 110 000 000 | 110 000 000 | 6.12.13 | 20.12.13 | 4.12.14 | 14 | 358 |
| PAR 4 | 2014 | 100 000 000 | 75 000 000 | 8.7.15 | 8.12.15 | pendenti | 150 | pendenti |

*Sors:* Id-database tal-CRIS (Ottubru 2016).

**35**

F'każ wieħed (PAR1) il-miżuri għat-tieni segment ma ġewx stabbiliti meta l-kuntratt ġie ffirmat, iżda sena wara. Jenħtieġ li, meta l-ftehim ta' finanzjament jiġi ffirmat, ikun intlaħaq qbil dwar il-miżuri meħtieġa għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet għall-pagament tas-segmenti kollha tal-programmi sabiex il-pajjiż sieħeb ikollu biżżejjed żmien biex jimplimenta r-riformi.

## 36

Billi l-fondi addizzjonali taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" kienu jikkostitwixxu kważi terz mill-baġit tal-programmi, aħna eżaminajna jekk dawn intużawx biex l-awtoritajiet Tuneżini jistabbilixxu kundizzjonijiet ġodda u jiskattaw miżuri ġodda. Kien biss fil-każ ta' PAR3 li nżdied segment varjabbli, meta l-fondi supplimentari taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" ġew allokati. Dan is-segment varjabbli kellu tliet kundizzjonijiet speċifiċi. Il-fondi addizzjonali taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" ġew iddeterminati u allokati lejn tmiem l-ippjanar ta' programm (ara l-***Kaxxa 2***) u filwaqt li dan ċertament kien fattur li kkumplika s-sitwazzjoni, huwa ma pprekludiex l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet u ta' miżuri.

**Kaxxa 2**

### Il-proċedura għall-allokazzjoni tal-fondi addizzjonali taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar"

Passi tal-proċedura:

- F'Diċembru tas-sena N, id-DUE toħroġ l-ewwel abbozz ta' rapport ta' progress;
- F'Marzu tas-sena N+1, is-SEAE u l-KE joħorġu nota konġunta dwar il-progress fil-pajjiżi kollha tal-viċinat;
- F'Ġunju tas-sena N+1, tittieħed deċiżjoni (din tiġi approvata mill-kumitat tal-ENI). Il-fondi jridu jiġu impenjati għal programmi speċifiċi sa tmiem is-sena N+1.

## 37

L-iżborżamenti tal-PAR kienu jsiru bil-kundizzjoni li jitwettaq għadd kbir ta' miżuri speċifiċi. Bħala medja, kull wieħed mill-4 programmi li ġew eżaminati kienu jinkludu 27 miżura speċifika. Dawn kienu jkopru ħafna oqsma b'firxa wiesgħa, jiġifieri: (a) it-trasparenza, il-parteċipazzjoni demokratika, il-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, (b) il-finanzi pubbliċi, (c) id-disparitajiet reġjonali, (d) il-qgħad u l-inklużjoni soċjali, (e) il-mikrofinanzjament, u (f) it-tkabbir ekonomiku. L-għadd kbir ta' oqsma indirizzati jnaqqas mill-fokus tad-djalogu ta' politika mal-pajjiż sieħeb.

## 38

Il-Kummissjoni ħadet deċiżjonijiet dwar il-pagamenti wara li vvalutat il-progress kumplessiv, u l-impenn tal-Gvern għal pjan ta' żvilupp nazzjonali, aktar milli l-ikkompletar ta' kull miżura li kienet meħtieġa li tittieħed mill-awtoritajiet Tuneżini. Fil-prattika, dan kien ifisser li l-Kummissjoni vvalutat il-progress kumplessiv bħala sodisfaċenti għalkemm xi miżuri ma kinux ittieħdu. Dan l-approċċ naqqas l-inċentiv tas-sieħeb biex jieħu l-miżuri stipulati fil-ftehim ta' finanzjament, u dgħajjef l-ingranaġġ li l-Kummissjoni setgħet teżerċita fuq l-awtoritajiet Tuneżini biex jimplimentaw riformi li kienu ferm meħtieġa.

39

Il-Kummissjoni ffukat fuq miżuri relatati mal-outputs minflok fuq riżultati fit-tul minħabba l-instabbiltà politika fil-pajjiż. Il-biċċa l-kbira mill-miżuri tal-programmi PAR kienu maħsuba biex ikunu jistgħu jinkisbu fi ħdan perjodu ta' żmien qasir, u ta' spiss kienu jieħdu l-forma ta' "id-digriet *X* għandu jiġi adottat mill-Gvern" jew xi forma simili. Madankollu, digriet jista' jiġi adottat mill-Gvern, iżda jista' ma jiġix implimentat fil-pront u b'mod xieraq mill-amministrazzjoni. Fil-fatt, l-implimentazzjoni ta' xi riformi strutturali tibqa' insodisfaċenti jew għaddejja bil-mod, anke fl-oqsma fejn il-Gvern Tuneżin ħa xi miżuri.

### Il-valutazzjoni tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi ddewmet

40

Ma saret l-ebda evalwazzjoni kumplessiva tal-programmi PAR. Minħabba d-daqs u l-kumplessità ta' dawn il-programmi, evalwazzjoni kumplessiva, kieku saret, setgħet tipprovdi feedback utli dwar il-progress tar-riformi u tindika dgħufijiet fl-approċċ.

41

Il-Kummissjoni għamlet użu minn diversi evalwazzjonijiet li twettqu, minn organizzazzjonijiet internazzjonali differenti, dwar aspetti speċifiċi ta' governanza. Madankollu, dawn ma kinux intenzjonati li jservu bħala sostitut għall-valutazzjoni tal-PEFA li hija valutazzjoni kumplessiva tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi li ssir b'ħafna reqqa u li tgawdi r-rispett ta' bosta. Għalkemm il-linji gwida tal-Kummissjoni, dwar l-appoġġ baġitarju, jirrakkomandaw li titwettaq valutazzjoni tal-PEFA kull erba' snin, l-aħħar waħda li saret twettqet fl-2010. Fl-2014, sar impenn biex titwettaq valutazzjoni ġdida li kellha tiġi kofinanzjata mill-UE, mill-Bank Dinji u mill-ADB. Madankollu, kien hemm dewmien serju fl-ikkuntrattar ta' espert u fid-diskussjoni li saret mal-awtoritajiet Tuneżini dwar l-abbozz ta' rapport. Il-valutazzjoni l-ġdida tal-PEFA hija mistennija li tiġi finalizzata f'Marzu 2017.

42

Il-valutazzjoni tal-PEFA mhux biss kienet meħtieġa biex tipprovdi aċċertament dwar l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, iżda kienet meħtieġa wkoll bħala indikatur ta' dgħufijiet possibbli li jistgħu jkunu jinħtieġu li jiġu indirizzati urġentement. Għal dawn ir-raġunijet, u minħabba l-ammonti sinifikanti ħafna ta' appoġġ baġitarju li qed jitħallsu lit-teżor nazzjonali, mhuwiex sodisfaċenti li din il-valutazzjoni ma kinitx disponibbli fi ħdan il-perjodu speċifikat fil-linji gwida.

### Ir-ritmu tar-riforma miexi bil-mod

**43**
B'mod ġenerali, sar xi progress fl-oqsma koperti mill-programmi iżda r-ritmu tar-riformi mexa bil-mod.

(a) Fir-rigward tat-trasparenza u l-parteċipazzjoni, sar progress fl-oqsma ta' aċċess għal informazzjoni amministrattiva, drittijiet tal-assoċjazzjoni, trasparenza tal-baġit u pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri Tuneżina. Madankollu, il-kisba ta' aċċess għal informazzjoni amministrativa relatata mal-Gvern u mal-organizzazzjonijiet pubbliċi tippreżenta sfida kontinwa.

(b) Rigward il-parteċipazzjoni tas-Soċjetà Ċivili, it-twaqqif ta' Organizzazzjoni Nongovernattiva (NGO) sar proċess aktar faċli iżda xorta waħda għadu jieħu fit-tul. Għalkemm il-qafas legali jipprovdi li NGO ġdida tista' titwaqqaf fi ftit ġimgħat biss, fil-prattika dan jieħu bejn sitt xhur u sena minħabba konġestjonijiet amministrattivi.

(c) Għal dak li jikkonċerna l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, l-adozzjoni ta' Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali u tal-liġi organika dwar il-baġit hija meħtieġa sabiex l-eżekuzzjoni tal-baġit tittejjeb. L-implimentazzjoni ta' riformi rigward is-sħubiji pubbliċi-privati u rigward l-akkwist pubbliku hija proċess li miexi bil-mod. Ġiet adottata liġi ġdida dwar l-akkwist pubbliku li tissodisfa l-istandards internazzjonali, u bħalissa għaddej pjan ta' azzjoni għas-sostituzzjoni tal-proċeduri kumplessi. Sfida ewlenija li għad baqa' hija li jiżdiedu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-effettività tal-awditjar estern u intern.

(d) Fir-rigward tad-disparitajiet reġjonali, il-miżuri li ttieħdu fil-kuntest tal-programmi PAR żiedu l-introjti tal-muniċipalitajiet. Madankollu, minħabba d-dgħufijiet strutturali, jiġifieri inqas attivitajiet ekonomiċi u n-nuqqas ta' taxxi lokali, il-maġġoranza tal-muniċipalitajiet jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji li jistgħu jiġu solvuti biss permezz ta' ristrutturar estensiv tal-finanzi tagħhom, eventwalment fil-kuntest tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni li huwa previst għall-bidu tal-2017.

(e) Fir-rigward tal-inklużjoni soċjali, il-Gvern saħħaħ ix-xibka ta' sikurezza soċjali billi żied l-ammont ta' allokazzjonijiet ta' kull xahar u l-għadd ta' benefiċjarji. Madankollu, dan ma rriżultax f'titjib fl-immirar ta' benefiċjarji potenzjali, li ma jistax iseħħ qabel ma jiġi żviluppat reġistru unifikat għall-unitajiet domestiċi[29].

29 Il-Kummissjoni Ewropea, Nota ta' Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, AMF lir-Repubblika tat-Tuneżija, żborżament tat-Tieni Segment, 26.11.2015.

(f) Għal dak li jikkonċerna l-mikrofinanzjament, għalkemm il-qafas regolatorju skont l-istandards internazzjonali huwa stabbilit, l-aċċess għall-mikrofinanzjament għadu limitat. Titjib tal-qafas regolatorju u superviżorju, tneħħija tal-limiti massimi eżistenti fuq ir-rati ta' self, u normi kontabilistiċi xierqa jkunu jgħinu wkoll f'dan il-qasam[30]. Huwa importanti li jiġi nnutat li l-Kummissjoni timplimenta proġett li għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp tal-mikrofinanzjament f'żoni inqas żviluppati tal-pajjiż.

(g) Biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku, tħejjiet kodiċi ġdida ta' investiment f'konformità mal-objettiv li l-aċċess għas-suq jiġi protett, li r-restrizzjonijiet għall-investiment jitnaqqsu u li l-eżenzjonijiet jiġu razzjonalizzati iżda din għadha ma ġietx adotatta mill-Parlament.

## 44

L-FMI nnota dewmien fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa mill-programm proprju tiegħu għall-perjodu 2013-2015. Fil-valutazzjoni tiegħu[31], l-FMI jiddikjara li madwar 60 % mis-46 punt ta' riferiment strutturali li ġew introdotti taħt il-programm kienu ġew issodisfati. Huwa ddikjara wkoll li huwa essenzjali li l-awtoritajiet u firxa wiesgħa ta' partijiet interessati jkunu impenjati għall-aġenda għar-riforma biex jiġi evitat treġġigħ lura fl-implimentazzjoni tal-programm.

## Is-selfa ta' AMF ipprovdiet aċċess siewi għal finanzjament minkejja d-dewmien u r-rata baxxa ta' żborżament

## 45

F'Awwisu 2013, il-Gvern Tuneżin staqsa lill-UE għal selfa ta' AMF. F'dak iż-żmien, it-Tuneżija kellha ħtieġa sinifikanti u urġenti għal finanzjament estern. Din l-għajnuna, li kienet meħtieġa urġentement, ħadet 21 xahar minn meta saret it-talba inizjali sal-ewwel pagament (ara t-***Tabella 3***). Il-Parlament u l-Kunsill iddikjaraw li jenħtieġ li l-UE tkun tista' tagħmel mod biex l-AMF issir disponibbli fi żmien qasir meta ċ-ċirkustanzi (ikunu) jeħtieġu azzjoni immedjata[32]. Ħafna mid-dewmien jista', madankollu, jitqies li huwa barra mill-kontroll tal-UE, bħaż-żmien li ttieħed biex it-Tuneżija tirratifika l-Memorandum ta' Qbil tal-operazzjoni tal-AMF. Madankollu, fil-kuntest ta' talba għal finanzjament urġenti, xorta waħda ttieħed ammont konsiderevoli ta' żmien biex din is-selfa tiġi pproċessata fil-livell tal-UE.

30 L-FMI, it-Tuneżija, Konsultazzjoni tal-2015 taħt l-Artikolu IV, is-Sitt analiżi taħt l-arranġament ta' riżerva, u t-talba għal tqassim mill-ġdid tal-fażijiet, Ottubru 2015.

31 L-FMI, Talba għal arranġament estiż taħt il-Faċilità ta' Fond Estiża, l-Anness I. The 2013-15 SBA-Context, Design, and Outcomes (L-arranġament ta' riżerva (SBA) 2013-15 - Kuntest, Tfassil, u Eżiti), Ġunju 2016.

32 Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Tabella 3

## Skeda ta' żmien tal-AMF

| Data | Azzjoni | Xhur minn meta ntalab il-programm |
|---|---|---|
| Awwissu 2013 | Talba mit-Tuneżija | bidu |
| Diċembru 2013 | Proposta tal-Kummissjoni | 4 |
| Mejju 2014 | Adozzjoni mill-Kunsill u mill-Parlament | 9 |
| Lulju 2014 | Kumitat tal-AMF | 11 |
| Awwissu 2014 | Memorandum ta' Qbil kontrofirmat mit-Tuneżija | 12 |
| Marzu 2015 | Ratifikat mill-Parlament Tuneżin | 19 |
| Mejju 2015 | L-ewwel segment żborżat | 21 |
| Diċembru 2015 | It-tieni segment żborżat | 28 |
| *Ottubru 2016* | *It-tielet segment pendenti* | *38* |

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

**46**

L-UE qablet dwar selfa ta' EUR 300 miljun maqsuma fi tliet segmenti. Il-Kummissjoni ffinanzjat is-selfa, permezz ta' self minn istituzzjonijiet finanzjarji. Il-kundizzjonijet għat-Tuneżija rigward ħlas lura u mgħaxijiet kienu l-istess bħall-kundizzjonijiet li l-Kummissjoni ġabet mill-istituzzjonijiet finanzjarji. Sa issa r-rati tal-imgħax kienu baxxi, bejn 0.498 % u 1.125 %. Ir-riskju ta' ħlas lura tas-selfa ta' AMF kien kopert mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijet esterni li huwa ffinanzjat mill-baġit tal-UE.

**47**

Minbarra l-aċċess għal finanzjament b'rati baxxi tal-imgħax, is-selfa ta' AMF ipprevediet riformi speċifiċi permezz tal-kundizzjonijiet għall-iżborżament fil-ftehim ta' self. Is-selfa tfasslet f'koordinazzjoni mal-FMI; il-kundizzjoni prinċipali għall-iżborżament kienet li l-programm tal-FMI jiġi implimentat b'mod sodisfaċenti[33]. Addizzjonalment, hija kienet tinkludi disa' kundizzjonijiet (simili għall-kundizzjonijiet tal-PAB); erba' kundizzjonijiet għat-tieni żborżament u ħamsa għat-tielet żborżament. Il-Kummissjoni żgurat li s-selfa kienet ikkoordinata tajjeb mal-programmi PAR u mal-assistenza teknika li ġiet ipprovduta mill-UE u mid-donaturi l-oħra. Il-programm ta' AMF ipprovda finanzjament ferm meħtieġ, bi spiża baxxa. Billi ssettja għadd limitat ta' kundizzjonijiet u billi mmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom, huwa rnexxielu jħeġġeġ l-adozzjoni ta' riformi addizzjonali. Il-Kummissjoni qed tħejji biex tagħmel selfa addizzjonali ta' EUR 500 miljun, billi nnutat li f'dan il-kuntest: "b'mod ġenerali, il-progress fir-riforma jibqa' limitat, parzjalment minħabba t-tranżizzjoni politika delikata, għalkemm il-momentum pożittiv reċenti huwa inkoraġġanti u l-gvern jinsab impenjat li jkompli fuq mogħdija ta' riforma pożittiva"[34].

33 Il-programm ta' Ftehim ta' Riżerva 2013-2015.

34 COM(2016) 67 final tat-12 ta' Frar 2016 "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija".

## Il-programmi ta’ appoġġ baġitarju settorjali kienu rilevanti iżda ma kellhomx strateġija kredibbli

### Nuqqas ta’ strateġiji kredibbli u ta’ kundizzjonijiet robusti

**48**
Il-PAB settorjali kienu rilevanti billi indirizzaw xi wħud mill-ħtiġijiet tal-pajjiż sieħeb. Madankollu, tnejn mit-tliet programmi awditjati, li kienu relatati mas-settur tal-ilma u mal-appoġġ għall-muniċipalitajiet, ma kinux ibbażati fuq strateġija kredibbli għall-ebda wieħed minn dawn is-setturi. Minkejja d-disponibbiltà ta’ xi pjanijiet u xi studji, ma kien hemm l-ebda pjan komprensiv dettaljat disponibbli li kien juri l-prijoritajiet u kif dawn kellhom jiġu ttrattati.

**49**
Attwalment it-Tuneżija li tibbenefika minn kuntratti għall-bini tal-Istat, prinċipalment għaliex ma għandhiex pjan kumplessiv ta’ żvilupp nazzjonali li jinkorpora l-istrateġiji settorjali, tibbenefika wkoll minn fondi ta’ programmi ta’ appoġġ baġitarju settorjali. Din il-prattika titbiegħed mill-aħjar prattika kif indikata fil-linji gwida tal-Kummissjoni.

**50**
Kien hemm problemi bit-tfassil tal-kundizzjonijiet. Id-dgħufijiet prinċipali jintwerew fil-***Kaxxa 3***:

(a) il-linji bażi tal-kundizzjonijiet ma kinux magħrufa fiż-żmien meta l-programm ġie ffirmat;

(b) ċerti kundizzjonijiet ma kinux xierqa;

(c) ċerti kriterji ta’ eliġibbiltà ma kinux ġew issodisfati fiż-żmien meta l-ftehim ta’ finanzjament ġie ffirmat.

Kaxxa 3

## Każijiet ta' dgħufijiet li nstabu fit-tfassil tal-programmi ta' appoġġ baġitarju settorjali

(a) F'BS6 (ilma), il-programm iddefinixxa xi indikaturi u l-kriterji rilevanti tal-prestazzjoni, mingħajr ma kien stabbilixxa l-linji bażi għal dawn l-indikaturi. Pereżempju, kundizzjoni waħda għall-pagament tas-segment varjabbli għal EUR 5 miljun kienet li l-għadd ta' kuntjaturi volumetriċi (volumetric counters) ta' bjar fondi jiżdied bi 300 fl-ewwel sena, b'700 fit-tieni sena u b'1 200 fit-tielet sena. Madankollu, fiż-żmien meta sar il-ftehim, ma kienx ċar għall-Kummissjoni kemm kien hemm bjar li kienu mgħammra b'kuntjaturi volumetriċi u kemm kien hemm bjar li ma kinux, u b'hekk il-firxa tal-problema li ġiet indirizzata mill-kundizzjoni ma kinitx magħrufa. Kundizzjoni oħra għall-pagament għas-segment varjabbli tal-appoġġ baġitarju, relatata mal-ġbir ta' tariffi mill-Istat għall-ippumpjar ta' ilma ta' taħt l-art, għadha ma ġietx issodisfata.

(b) Fil-każ ta' BS6, il-programm issettja kundizzjonijiet li kien faċli li jiġu ssodisfati. Pereżempju, kundizzjoni waħda għall-pagament tas-segment varjabbli, għal fondi ta' EUR 2.5 miljun, kienet li l-għadd ta' persunal tekniku f'dipartiment rilevanti jiżdied b'5 persuni fl-ewwel sena, b'10 persuni fit-tieni sena u b'25 persuni fit-tielet sena. Madankollu, id-dipartiment irrapporta li l-persunal tekniku żdied b'71 persuna fl-għadd ta fl-ewwel sena. F'dan il-każ, il-kundizzjoni għall-pagament ma kinitx ibbażata fuq analiżi adegwata tar-rekwiżiti ta' persunal. Kien hemm ukoll is-sitwazzjoni l-opposta meta kien diffiċli wisq biex xi kundizzjonijiet oħra jiġu ssodisfati, u b'hekk l-implimentazzjoni kumplessiva tal-programmi ddewmet.

(c) Fil-każijiet ta' BS5 u BS6, mhux il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha ġew issodisfati fiż-żmien meta l-ftehim ta' finanzjament ġie ffirmat. Il-ftehim ta' finanzjament tal-BS5 kien jistipula li t-tieni u t-tielet segmenti biss kienu koperti mill-kundizzjonijiet ġenerali għall-pagament (il-kriterji ta' eliġibbiltà). Għaldaqstant il-kriterji ta' eliġibbiltà ma ġewx applikati għall-ewwel segment ta' EUR 9 miljun, li ġie żborżat fuq il-bażi tal-iffirmar tal-kuntratt ta' appoġġ baġitarju biss. Fir-rigward ta' BS6, għalkemm waħda mill-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ġiet issodisfata parzjalment biss, il-ftehim ta' finanzjament ġie ffirmat xorta waħda. Skont il-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju, l-użu eventwali tal-appoġġ baġitarju settorjali bħala modalità jiddependi mill-eżitu tal-valutazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

**51**

Il-Kummissjoni ddeterminat l-eliġibbiltà għal pagament taħt programm wieħed (BS7) fuq il-bażi tal-valutazzjoni tagħha li kien sar "progress sodisfaċenti" **b'mod ġenerali** fuq il-matriċi tal-kundizzjonijiet għall-pagament. Din il-prattika tnaqqas l-inċentiv tas-sieħeb biex jimplimenta l-miżuri individwali kollha (ara l-paragrafu 38). Din tqajjem ukoll il-mistoqsija ta' għalfejn ġew issettjati ċerti kundizzjonijiet għall-pagament jekk ma kinux se jiġu applikati.

### Dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi

**52**

Għal tnejn mit-tliet programmi awditjati, kien hemm dewmien sostanzjali fl-eżekuzzjoni tal-programmi. F'każ wieħed (BS5) il-perjodu ta' implimentazzjoni ġie estiż b'70 % tal-iskeda ppjanata oriġinarjament (minn 60 xahar għal 102 xhur permezz ta' 4 emendi konsekuttivi) u f'każ ieħor (BS6) bi 33 % (24 xahar addizzjonali). Id-dewmien kien dovut jew għall-ambjent tal-programm (jiġifieri instabbiltà politika, reżistenza istituzzjonali għall-bidla) jew inkella għal dgħufijiet fit-tfassil (ara l-paragrafu 50).

53
Il-proġetti ta' assistenza teknika tfasslu b'mod parallel mal-programm prinċipali ta' appoġġ baġitarju settorjali sabiex l-amministrazzjoni tiġi assistita fl-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma li dwaru kien intlaħaq qbil. Madankollu, f'żewġ każijiet (BS5 u BS6) kien hemm dewmien fl-ikkuntrattar tal-proġetti ta' assistenza teknika, u għal BS7 ma kienx hemm assistenza teknika relatata direttament mal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-programm.

54
F'bosta każijiet, l-impatt tal-programmi kien limitat sostanzjalment minħabba li r-riformi meħtieġa kienu qed jipprogressaw bil-mod. Pereżempju, fir-rigward ta' BS5 (deċiżjoni tal-2007), riżultat importanti u intenzjonat tal-programm kien ir-riforma tal-baġit annwali. Din ir-riforma kienet mistennija li tavvanza b'mod konsiderevoli wara t-tħejjija ta' liġi. Madankollu, l-adozzjoni tagħha mill-Parlament għadha pendenti u, wara l-adozzjoni ta' din il-liġi, iridu jgħaddu ħames snin oħra sabiex din ir-riforma tiġi implimentata bis-sħiħ.

## Il-proġetti kienu jittrattaw problemi rilevanti iżda kien hemm dgħufijiet u dewmien relatati mat-tfassil

### Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti kienet diffiċli minħabba xi dgħufijiet relatati mat-tfassil

55
Nofs il-proġetti fil-kampjun tagħna[35] kellhom waħda jew aktar mid-dgħufijiet li ġejjin, li kienu relatati mat-tfassil tagħhom (ara l-eżempji fil-***Kaxxa 4***):

(a) nuqqas ta' objettivi rilevanti, speċifiċi u li jistgħu jitkejlu;

(b) indikaturi nieqsa, bil-konsegwenza li l-prestazzjoni ma setgħetx titkejjel b'mod xieraq, ma setax isir monitoraġġ xieraq tal-attivitajiet, u ma setgħux jittieħdu azzjonijiet korrettivi f'waqthom;

(c) nuqqas ta' indikaturi tal-linja bażi, li rrestrinġa t-tqabbil tas-sitwazzjoni qabel u wara l-azzjoni;

35 Jiġifieri, PJ 7, 8, 10, 11, 12, 13 u 14.

Kaxxa 4

## Każijiet ta' dgħufijiet relatati mat-tfassil fil-proġetti eżaminati

(a) PJ12 kien proġett ta' assistenza teknika mmirat lejn it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-Istitut Professjonali Suprema tal-Avukati. Bħala objettiv speċifiku, li l-ilħuq tiegħu jkollu jiġi vvalutat fi stadju aktar tard, din kienet formulazzjoni vaga. Il-kuntratt kien jispeċifika indikaturi bħall-għadd ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-durata medja tal-kawżi ċivili u penali. Madankollu, dawn l-indikaturi kienu relatati marġinalment u indirettament biss mal-proġett, u ma kinux il-punti ta' riferiment l-aktar xierqa għall-valutazzjoni tal-ilħuq tal-objettiv tal-proġett.

(b) Il-proġett PJ14 kien maħsub biex jappoġġa t-tranżizzjoni demokratika fit-Tuneżija. Huwa kellu l-għan li jistabbilixxi prattiki tajbin, isaħħaħ il-kapaċità tal-Membri tal-Parlament, u jtejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-Parlament. Għalkemm il-kuntratt ipprovda deskrizzjoni tal-attivitajiet prinċipali, ma kienx hemm indikaturi stabbiliti biex il-prestazzjoni tkun tista' titkejjel u biex il-valur miżjud tal-proġett ikun jista' jiġi vvalutat.

(c) Is-suġġett ta' PJ13 kien l-appoġġ għas-soċjetà ċivili fit-Tuneżija. L-objettiv u l-indikaturi kienu vagi u ġew ikkonkretizzati f'għadd ta' attivitajiet aktar milli f'indikaturi speċifiċi. Barra minn hekk, billi ma kienx hemm indikaturi li jippreżentaw is-sitwazzjoni fis-soċjetà ċivili, qabel u wara l-azzjoni, il-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-proġett ixxekklet.

**56**
F'4 proġetti[36] mill-14-il proġett li ġew eżaminati, xi elementi ewlenin ma kinux inklużi fil-kuntratti (ara l-***Kaxxa 5***) u l-livell ta' dettall fil-baġits ma kienx adegwat biex tkun tista' titwettaq valutazzjoni xierqa tar-raġonevolezza tal-ispejjeż u, b'hekk, jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' valutazzjoni tal-effiċjenza.

36 Jiġifieri, PJ 6, 7, 8, u 10.

Kaxxa 5

## Eżempju ta' proġett li ma kellux biżżejjed stipulazzjonijiet fil-kuntratt

Fir-rigward ta' PJ10, il-kuntratt ġie ffirmat fuq il-bażi ta' deskrizzjoni ġenerali ħafna u ta' stimi preliminari tax-xogħlijiet. Xogħol estensiv fuq il-Qorti ta' Nabeul kien wieħed mir-riżultati tanġibbli tal-proġett. Inizjalment, il-proċeduri (studju preliminari, tfassil, studju tekniku, dossier tal-eżekuzzjoni, speċifikazzjonijiet u dossier tal-offerti) kienu jkopru r-riabilitazzjoni tal-Qorti kollha. Madankollu, wieħed biss mit-tliet lottijiet ta' offerti ġie esegwit mill-benefiċjarju, minħabba li l-baġit tal-proġett ma kienx biżżejjed biex jiffinanzja t-tliet lottijiet kollha. Iż-żewġ lottijiet li jifdal (madwar 30 % tal-baġit kumplessiv) suppost se jiġu esegwiti, fi stadju aktar tard, mill-awtoritajiet Tuneżini. F'dan il-każ, in-nuqqas ta' deskrizzjoni dettaljata tal-ambitu fil-kuntratt ma kienx jippermetti li titwettaq valutazzjoni xierqa tal-effiċjenza u l-effettività tal-proġett.

57
Fir-rigward taż-żewġ proġetti kkuntrattati ma' intermedjarju[37], il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li tħallas madwar EUR 1.2 miljun lil dan l-intermedjarju bħala tariffi amministrattivi. Id-dokumenti ta' ppjanar ma kinux jinkludu analiżi tal-valur miżjud li jinkiseb jekk jintuża intermedjarju minflok ma jsir ikkuntrattar dirett mal-benefiċjarju finali[38].

## Dewmien sostanzjali fl-eżekuzzjoni tal-proġetti

58
Il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġetti ġie estiż sostanzjalment f'10 mill-14-il proġett fil-kampjun (ara t-***Tabella 4***). F'sitt każijiet[39], il-perjodu ta' implimentazzjoni ġie estiż b'aktar minn 50 % tal-perjodu ta' implimentazzjoni li dwaru kien intlaħaq qbil. Id-dewmien fl-implimentazzjoni kien dovut prinċipalment għall-fatt li l-żmien meħtieġ għall-kisba ta' ċerti riżultati kien ġie inizjalment stmat b'mod insuffiċjenti. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-estensjonijiet ta' żmien jirriżultaw f'żieda f'ċerti kategoriji ta' spejjeż, bħall-ispejjeż għall-persunal, li jridu jiġu ffinanzjati mill-kontribuzzjoni fissa tal-Kummissjoni[40]. B'riżultat ta' dan, ikun hemm inqas fondi disponibbli għall-finanzjament tal-attivitajiet ċentrali tal-proġett. Billi dawn il-kuntratti ġew iffirmati wara l-2011, il-Kummissjoni kienet konxja taċ-ċirkustanzi diffiċli fil-pajjiż, madankollu hija ma adattatx il-perjodu ta' żmien u l-iskala tal-proġetti kif meħtieġ.

37 Il-proġetti PJ7 u PJ8, b'baġit kumulattiv ta' EUR 41 miljun, kellhom l-għan li jnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u d-disparitajiet reġjonali f'żoni urbani u suburbani permezz ta' xogħlijiet ta' infrastruttura li tejbu l-kwalità tal-ħajja, ħolqu l-impjieg u taw aċċess għall-mikrofinanzjament.

38 Bħalma għamel il-BEI fil-kuntest tal-istess azzjoni.

39 Jiġifieri, PJ 1, 2, 6, 8, 12 u 14.

40 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali Nru 3/2011 "L-effiċjenza u l-effettività tal-kontribuzzjonijiet tal-UE mwassla permezz ta' Organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti f'pajjiżi milquta minn kunflitti" (http://eca.europa.eu).

Tabella 4

## Estensjonijiet għall-perjodi ta' implimentazzjoni tal-proġetti

*(f'xhur)*

| Proġett | Sena tal-Kuntratt | Durata oriġinali | Durata | | Estensjoni tad-durata |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | L-ewwel emenda | It-tieni emenda | |
| PJ1 | 2011 | 23 | 46 | 52.5 | 29.5 |
| PJ2 | 2011 | 23 | 46 | | 23 |
| PJ3 | 2012 | 8 | | | 0 |
| PJ4 | 2012 | 8 | | | 0 |
| PJ5 | 2015 | 60 | | | Il-perjodu oriġinali kkuntrattat għadu għaddej |
| PJ6 | 2012 | 36 | 56 | | 20 |
| PJ7 | 2012 | 48 | | | 0 |
| PJ8 | 2013 | 42 | 69 | | 27 |
| PJ9 | 2013 | 36 | 48 | | 12 |
| PJ10 | 2013 | 43 | 53 | | 10 |
| PJ11 | 2011 | 30 | 34 | | 4 |
| PJ12 | 2011 | 18 | 24.5 | 34.5 | 16.5 |
| PJ13 | 2013 | 36 | 42 | | 6 |
| PJ14 | 2012 | 32 | 39 | 51 | 19 |

*Sors:* Id-database tal-CRIS.

59
Għal tlieta mill-proġetti eżaminati[41], aħna sibna li l-impatt u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba sal-lum ma kinux salvagwardjati minn strateġija xierqa ta' ħruġ. F'dawk il-każijiet, il-proġetti ħolqu prinċipalment impjiegi temporanji, iżda aktar fondi u aktar azzjonijiet ta' politika huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-proġetti jitkomplew. Billi l-kontroparti Tuneżina ma kellhiex biżżejjed fondi u kapaċità għall-manutenzjoni tal-infrastruttura li twasslet mill-proġetti, is-sostenibbiltà se tkun tiddependi mid-disponibbiltà ta' aktar appoġġ minn donaturi.

60
L-impatt ta' erba' proġetti[42] kien imfixkel sostanzjalment mill-fatt li r-riformi meħtieġa kienu mexjin bil-mod. Pereżempju, fl-2012, intnefqu madwar EUR 2.5 miljun għall-forniment ta' tagħmir speċjali lill-istituzzjonijiet Tuneżini biex tiġi ttestjata l-konformità ta' prodotti elettroniċi mar-regoli tal-UE. Madankollu, dan it-tagħmir kien ta' użu limitat għaliex it-Tuneżija għadha ma adottatx l-istandards rilevanti tal-UE kif ipprovduti mill-Ftehim dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' prodotti industrijali.

61
Għalkemm żewġ fatturi, jiġifieri d-dgħufijiet relatati mat-tfassil tal-proġetti u l-implimentazzjoni bil-mod tal-proġetti, xekklu l-valutazzjoni tal-proġetti, b'mod ġenerali l-proġetti indirizzaw il-ħtiġijiet reali tal-pajjiż u kkontribwew għal xi progress importanti f'oqsma rilevanti. Pereżempju, il-proġetti għall-appoġġ ta' industriji żgħar u medji wasslu appoġġ utli lil 700 negozju. Żewġ proġetti oħra kkontribwew b'mod sinifikanti għar-riabilitazzjoni ta' distretti urbani fqar, u l-proġett relatat mal-Parlament tejjeb l-infrastruttura tiegħu u saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-Parlament Ewropew.

41 Jiġifieri, PJ 6, 7 u 8.

42 Jiġifieri, PJ 3, 4, 11 u 12.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



## 62

Il-finanzjament mill-UE għamel kontribut sinifikanti għat-tranżizzjoni demokratika u għall-istabbiltà ekonomika tat-Tuneżija. Aħna nikkonkludu li, b'mod ġenerali, fil-perjodu ta' wara r-rivoluzzjoni fl-2011, il-fondi tal-UE ntnefqu tajjeb. Fondi addizzjonali saru disponibbli biex l-isfidi l-ġodda jiġu ffaċċjati, u l-Kummissjoni ħadmet mill-qrib ma' donaturi oħra biex torganizza t-twassil tal-fondi fejn kienu meħtieġa. Madankollu, ġew identifikati għadd ta' nuqqasijiet fil-mod ta' kif l-UE mmaniġġjat l-assistenza li ngħatat.

## 63

Filwaqt li sar progress, dan mexa bil-mod prinċipalment minħabba għadd ta' fatturi li kienu jinkludu ħafna tibdil ta' gvernijiet u n-nuqqas ta' pjan kumplessiv ta' żvilupp nazzjonali. In-nuqqas ta' pjan ta' dan it-tip min-naħa tal-awtoritajiet Tuneżini kkumplika b'mod konsiderevoli il-proċess biex l-assistenza mogħtija mill-Kummissjoni tiġi mmirata sew (ara l-paragrafu 23).

## 64

Inġenerali, l-approċċ tal-Kummissjoni kien ambizzjuż ħafna billi pprova jindirizza għadd kbir wisq ta' prijoritajiet. Il-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li ġew ittrattati u ta' attivitajiet li twettqu permezz ta' Appoġġ Baġitarju, proġetti u s-selfa ta' AMF, tmur kontra l-politika proprja tal-Kummissjoni li tikkonċentra l-assistenza tagħha fuq għadd żgħir ta' oqsma u attivitajiet ewlenin (ara l-paragrafi 24 sa 25).

## 65

Il-koordinazzjoni ma' donaturi oħra kienet tajba f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, għalkemm ma nkisbitx programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri (ara l-paragrafi 26 sa 28).

### Rakkomandazzjoni 1 – Jissaħħu l-programmazzjoni u l-fokus tal-assistenza li tingħata mill-UE

Jenħtieġ li s-SEAE u l-Kummissjoni:

(a) jużaw djalogu politiku kif ukoll djalogu ta' politika biex jiżguraw li l-awtoritajiet Tuneżini jadottaw pjan komprensiv ta' żvilupp nazzjonali.

(b) għall-perjodu ta' ppjanar li jmiss, jiżviluppaw għadd limitat ta' prijoritajiet speċifiċi u jnaqqsu l-għadd ta' azzjonijiet sabiex iżidu l-fokus u l-impatt potenzjali tal-assistenza mill-UE.

(c) jiżguraw li tinkiseb programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri, sabiex itejbu l-fokus u l-koordinazzjoni tal-għajnuna.

66
L-għajnuna ngħatat permezz ta' għadd ta' modalitajiet ta' għajnuna, li prinċipalment kienu jinkludu Appoġġ Baġitarju Ġenerali (Kuntratti għall-Bini tal-Istat), Appoġġ Baġitarju Settorjali (Kuntratti għar-Riforma Settorjali), selfa ta' AMF u proġetti. It-Tuneżija bbenefikat ukoll sinifikattivament mill-inizjattiva ta' "aktar għal aktar" li żiedet b'mod sinifikanti l-fondi li kienu disponibbli għall-Appoġġ Baġitarju Ġenerali (ara l-paragrafu 30 sa 31).

67
L-Appoġġ Baġitarju Ġenerali ġie pprovdut permezz tal-programmi PAR, li kienu wkoll iffinanzjati sostanzjalment minn self tal-Bank Dinji u tal-FMI, fis-snin bikrin. Din il-forma ta' appoġġ għenet lill-Gvern isawwar l-aġenda għar-riforma u, taħt il-klassifikazzjoni ta' Kuntratti għall-Bini tal-Istat, ippermettiet li jkun hemm aktar flessibbiltà milli hemm bl-appoġġ baġitarju tradizzjonali. Madankollu, dan huwa maħsub li jkun approċċ fuq terminu qasir, minn sena sa sentejn, aktar milli soluzzjoni fuq terminu twil (ara l-paragrafi 32 sa 33).

68
Meta l-ftehimiet ta' finanzjament tal-programmi ta' appoġġ baġitarju ġew iffirmati, xi wħud mill-kundizzjonijiet li kienu jinsabu fihom kienu diġà ġew issodisfati, jew ġew issodisfati ftit wara. Dan naqqas b'mod konsiderevoli l-element ta' inċentiv li seta' kellu l-appoġġ. L-implimentazzjoni tal-ħafna miżuri, li kienu meħtieġa mill-ftehimiet ta' finanzjament, ġiet ivvalutata fl-intier tagħha, bir-riżultat li xi pagamenti saru anke meta xi wħud mill-miżuri rilevanti ma twettqux (ara l-paragrafi 34 sa 39).

69
L-allokazzjoni ta' fondi taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar" ġiet deċiża fi stadju tard ħafna, li ħoloq diffikultajiet għall-ippjanar ta' kif isir l-aħjar użu minn din l-assistenza. Rigward l-impatt addizzjonali li kien intenzjonat jinkiseb mit-trasferimenti sostanzjali ta' fondi taħt il-mekkaniżmu ta' inċentiv "aktar għal aktar", dan ma kienx evidenti b'mod ċar (ara l-paragrafu 36).

70
Il-PEFA tipprovdi valutazzjoni komprensiva, rikonoxxuta fuq livell internazzjonali, tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ta' pajjiż. Skont il-linji gwida proprja tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ baġitarju, din għandha titwettaq kull erba' snin. Minħabba l-ammonti kbar imħallsa fil-forma ta' appoġġ baġitarju u minħabba l-importanza tal-PEFA bħala għodda ta' monitoraġġ u ta' ppjanar, mhuwiex sodisfaċenti li ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-PEFA mill-2010 'l hawn. Il-valutazzjoni l-ġdida tal-PEFA hija mistennija li tiġi finalizzata f'Marzu 2017 (ara l-paragrafi 40 sa 42).

## Rakkomandazzjoni 2 – Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ baġitarju tal-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) għall-programmi futuri ta' appoġġ baġitarju, tnaqqas l-għadd ta' miżuri meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet marbuta mal-Appoġġ Baġitarju u tiżgura li dawn il-miżuri jkunu sinifikanti. Sabiex tagħti inċentiv lill-awtoritajiet Tuneżini biex jagħmlu progress sinifikanti fir-riformi tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel il-kundizzjoni li biex isiru l-iżborżamenti jridu jkunu twettqu miżuri individwali u ntlaħqu indikaturi tal-prestazzjoni, it-tnejn b'mod sodisfaċenti aktar milli li jkun sar progress kumplessiv.

(b) tistinka biex tiżgura li valutazzjoni tal-PEFA, fid-dawl tas-sinifikat tagħha bħala għodda ta' ppjanar u ta' monitoraġġ, titwettaq mill-inqas darba kull erba' snin.

### 71

L-organizzazzjoni tas-selfa ta' AMF ta' EUR 300 miljun, li kienet meħtieġa urġentement mill-awtoritajiet Tuneżini, ħadet kważi sentejn. Filwaqt li parti mid-dewmien ma kinitx fil-livell tal-UE, xorta waħda l-ipproċessar fil-livell istituzzjonali tal-UE ħa aktar minn 11-il xahar (ara l-paragrafi 45 sa 47).

## Rakkomandazzjoni 3 – Isiru proposti biex jitħaffef il-proċess ta' approvazzjoni tal-AMF

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora, mal-koleġiżlaturi tagħha, l-alternattivi disponibbli biex il-proċeduri ta' approvazzjoni ta' programmi sussegwenti ta' AMF jiġu aċċellerati, b'mod partikolari f'każ ta' finanzjament ta' emerġenza.

### 72

L-Appoġġ Baġitarju Settorjali tħallas fuq skala ħafna iżgħar mill-appoġġ baġitarju ġenerali. Għal tnejn mit-tliet programmi eżaminati, ma kienx hemm evidenza ta' strateġija settorjali kredibbli. L-impatt tal-programmi kien imxekkel minn dewmien u mill-fatt li l-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa kien miexi bil-mod (ara l-paragrafi 48 sa 54).

## 73

Twettqu xi proġetti sinifikanti iżda b'ħafna dewmien. Fin-nuqqas ta' objettivi u indikaturi ċari, kien diffiċli biex jiġi vvalutat x'progress kien sar fuq ħafna minnhom. F'bosta każijiet, il-proġetti kienu ambizzjużi wisq u l-iskeda ta' żmien tagħhom ottimista żżejjed. Dan wassal għal żieda fl-ispejjeż ġenerali (ara l-paragrafi 55 sa 61).

### Rakkomandazzjoni 4 – Jittejjeb l-ippjanar tal-proġetti

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tkun qed tippjana proġetti futuri fit-Tuneżija, tistabbilixxi objettivi u indikaturi ċari li jkunu realistiċi fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-proġett ikkonċernat.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-14 ta' Frar 2017.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Klaus-Heiner LEHNE
*President*

## Lista ta' Programmi ta' Appoġġ Baġitarju u ta' Assistenza Makrofinanzjarja

*(Eur)*

| Numru | Nru tad-Deċiżjoni | Sena tad-deċiżjoni | Modalità | Titolu | Ammont allokat | Ammont ikkuntrattat | Ammont imħallas |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AMF | MA | 2013 | AMF | AMF | 300 000 000 | 300 000 000 | 200 000 000 |
| BS1 | 23143 and 23279 | 2011 | BSP | Programme d'Appui à la Relance u Support for Partnership Reform and Inclusive Growth -SPRING (PAR1) | 100 000 000 | 99 424 813 | 99 424 813 |
| BS2 | 24074 | 2012 | BSP | Programme d'Appui à la Relance (PAR 2) | 68 000 000 | 67 339 484 | 65 415 314 |
| BS3 | 24469 | 2013 | BSP | Troisième Programme d'Appui à la Relance (PAR 3) | 110 000 000 | 110 000 000 | 110 000 000 |
| BS4 | 37533 | 2014 | BSP | Progamme d'Appui à la Relance (PAR 4) | 100 000 000 | 99 546 000 | 75 000 000 |
| BS5 | 19508 | 2007 | BSP | Programme d'Appui à la Gestion Budgétaire par Objectifs | 30 000 000 | 29 267 989 | 29 267 989 |
| BS6 | 21889 | 2010 | BSP | Programme d'appui aux politiques publiques de gestion des ressources en eau pour le développement rural et agricole | 57 000 000 | 56 067 853 | 24 623 541 |
| BS7 | 18438 | (2013) | BSP | Tunisie - PRAL - ex-Programme d'appui à la compétivité (PAC I) | 41 000 000 | 40 357 374 | 40 357 374 |

Anness II

## Lista' ta' proġetti

(Eur)

| Numru | Nru tad-Deċiżjoni | Sena tal-Kuntratt | Proġett | Ammont ikkuntrattat | Ammont imħallas |
|---|---|---|---|---|---|
| PJ1 | 20216 | 2011 | Mobilisation d'expertise court terme au profit des PME industrielles et des institutions tunisennes - Coaching technique et non technique | 4 328 400 | 4 092 200 |
| PJ2 | 20216 | 2011 | Mobilisation d'expertise court terme au profit des PME Industrielles et des institutions d'appui - Qualité | 6 170 540 | 5 575 780 |
| PJ3 | 20216 | 2012 | Acquisition et installation d'une chambre semi anechoîque pour essais de comptabilité electromagnétiques de dix metres avec cages annexes | 1 179 590 | 1 179 590 |
| PJ4 | 20216 | 2012 | Acquisistion et mise en place d'un laboratoire pour des essais de compatbilité Electromagnétiques | 1 260 000 | 1 260 000 |
| PJ5 | 22772 | 2015 | Programme on Small Business Support in the services sector of Tunisia | 10 000 000 | 1 982 210 |
| PJ6 | 23202 | 2012 | Projet de création d'emplois et accompagnement à la réinsertion en complétant les dispositifs de l'Etat en Tunisie | 6 476 777 | 5 850 000 |
| PJ7 | 23202 | 2012 | Financement de la mise à niveau de quartiers populaires | 8 000 000 | 7 900 000 |
| PJ8 | 24409 | 2013 | Financement de la mise à niveau de quartiers populaires en Tunisie | 32 900 000 | 22 000 000 |
| PJ9 | 23556 | 2013 | Soutien à l'amélioration du système de justice des enfants en Tunisie | 1 800 000 | 1 710 000 |
| PJ10 | 23557 | 2013 | Réhabilitation selon les standards internationaux de Tribunaux et établissements pénitentiaires avec une dotation de matériel informatique | 12 848 749 | 12 206 312 |
| PJ11 | 19073 | 2011 | Renforcement des capacités institutionnelles en Tunise | 1 461 000 | 1 314 652 |
| PJ12 | 19073 | 2011 | Assistance Technique pour le renforcement des capacités institutionelles de l'Institut Supérieur de la Profession d'Avocats | 629 965 | 503 972 |
| PJ13 | 23558 | 2013 | Programe d'Appui à la Société Civile en Tunise | 3 399 228 | 2 604 875 |
| PJ14 | 23569 | 2012 | Appui au processus constitutionnel et parlementaire en Tunisie | 1 809 778 | 1 364 907 |

# Risposti tal-Kummissjoni u tas-SEAE



## Sommarju eżekuttiv

III

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu mal-valutazzjoni ta' reazzjoni rapida, iżda jixtiequ jenfasizzaw li diversi oqsma kellhom jiġu ttrattati minħabba l-għadd kbir ta' bżonnijiet soċjo-ekonomiċi/emerġenzi li l-Gvern Tuneżin kellu jħabbat wiċċu magħhom wara r-rivoluzzjoni. F'dan il-kuntest, l-UE ġiet mistiedna biex tassisti lit-Tuneżija biex twieġeb għal dawn il-ħtiġijiet li kienu kwistjoni ta' kredibilità politika kif ukoll neċessità operattiva. Ir-riżultati miksuba matul il-perjodu huma tajbin peress li l-assistenza tal-UE kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-istabilità ekonomika u politika tal-pajjiż wara r-rivoluzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' akkumpanjament tar-riformi politiċi u soċjoekonomiċi ewlenin.

Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna ma kinitx, għalhekk, imdagħjfa, iżda pjuttost irreaġixxiet għall-għadd kbir ta' riformi ta' emerġenza li t-Tuneżija inevitabbilment iffaċċat fil-perjodu ta' wara r-revoluzzjoni.

Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-proġetti kollha li ġew adottati mill-2014 kienu relatati ma' waħda minn dawn it-tliet setturi prijoritarji stabbiliti fil-Qafas ta' Appoġġ Uniku (QAU) 2014–16 (riformi soċjoekonomiċi għal tkabbir inkluživ, elementi fundamentali tad-demokrazija, u żvilupp reġjonali u lokali sostenibbli).

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-awtoritajiet Tuneżini jistgħu jsibu diffikultajiet biex jiġġestixxu l-għajnuna kollha, minħabba l-kuntest ta' wara r-rivoluzzjoni u l-bidliet frekwenti ta' gvernijiet u fi ħdan l-amministrazzjoni. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat ukoll li r-rata ta' assorbiment ta' proġetti tal-UE hija ogħla minn dik ta' donaturi oħrajn.

Il-proċess ta' programmazzjoni konġunta ġie sospiż minħabba dewmien min-naħa tal-Gvern biex ifassal u jadotta pjan ta' żvilupp ġdid għal ħames snin. Dan ser jippermetti lill-UE biex tallinja aħjar l-eżerċizzju ta' programmazzjoni mal-prijoritajiet inklużi fil-pjan sabiex ittejjeb it-tqassim tax-xogħol fost id-donaturi, inklużi l-Istati Membri.

Missjoni konġunta ta' programmazzjoni saret b'mod parallel mal-missjoni ta' programmazzjoni SEAE/DĠ NEAR li saret f'Ottubru 2016. Bħalissa konsulent qiegħed jikkoordina mal-Istati Membri kollha u l-eżerċizzju ta' programmazzjoni konġunta x'aktarx se jkun operattiv fl-2017.

L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE (AMF) tipprovdi appoġġ tal-bilanċ tal-pagamenti biex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet finanzjarji esterni akuti tat-Tunezija u appoġġ għall-programm ta' assistenza finanzjarja maqbul mal-FMI. Dan jippermetti biex l-aġġustament ekonomiku neċessarju tat-Tuneżija jkun inqas qawwi u f'salt, u biex ikun hemm kontribut biex tiġi restawrata s-sostenibbiltà ekonomika tagħha. Il-kondizzjonalità tal-AMF għalhekk tindirizza għadd ta' prijoritajiet interkonnessi f'diversi oqsma ta' riforma strutturali, bħala approċċ komprensiv biex tappoġġa programm ta' aġġustament ekonomiku.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-assistenza tagħha għat-Tuneżija, inkluż l-AMF tagħha, kienet ikkonċentrata fuq numru limitat ta' setturi. Barra minn hekk, f'diversi oqsma ta' appoġġ (bħal statistika, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-governanza tajba tal-Qorti tal-Awdituri) kienet kruċjali l-koordinazzjoni soda ma' donaturi oħrajn u fi ħdan is-servizzi differenti tal-Kummissjoni biex jiżdied l-ingranaġġ miżjud tal-AMF biex ir-riformi importanti jiġu implimentati bis-sħiħ.

V
F'kuntest ikkaratterizzat minn instabbiltà politika kien essenzjali li jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn miżuri ta' impatt rapidu u proċessi iktar fit-tul filwaqt li jintużaw l-għodod offruti mill-politika tal-Kummissjoni dwar l-Appoġġ Baġitarju. L-istrument ta' Kuntratt ta' Bini tal-Istat huwa soluzzjoni iktar flessibbli tal-modalità tal-appoġġ baġitarju mfassla speċifikament għal sitwazzjonijiet fraġli jew ta' wara l-kriżi. Filwaqt li tirrikorri għal din il-modalità iktar flessibbli fit-Tuneżija, il-Kummissjoni madankollu vvalutat b'mod strett il-kundizzjonijiet għall-iżborż għal kull wieħed mill-erba' programmi ta' appoġġ baġitarju. Barra minn hekk, l-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni u l-progress tat-Tuneżija tagħti evidenza tas-suċċess tal-operazzjonijiet kif kienu maħsuba u implimentati. Analiżi iktar dettaljata dwar dan il-punt hija pprovduta hawn taħt, mill-paragrafu 30 'il quddiem.

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-valutazzjoni tal-PEFA li għaddejja bħalissa, fil-fatt tnediet fl-2014, jiġifieri erba' snin wara l-aħħar valutazzjoni tal-PEFA. Il-valutazzjoni tal-PEFA attwali iffaċċjat dewmien barra mill-kontroll tal-Kummissjoni, l-iktar minħabba kwistjonijiet metodoloġiċi u l-konsegwenzi tagħhom. Għandu jiġi enfasizzat li l-metodoloġija l-ġdida għall-eżerċizzju tal-PEFA ġiet riveduta fl-2015. Ir-rapport il-ġdid tal-PEFA għat-Tuneżija qed jiġi ffinalizzat.

VI
Il-Kummissjoni tenfasizza li programm ta' riforma mhux dejjem jista' jiġi inkapsulat f'dokument ta' strateġija jew ta' politika uniku, komprensiv u koerenti.. F'każijiet bħal dawn, l-analiżi hija bbażata fuq il-miżuri differenti u fuq il-proċess ta' riforma segwit mill-gvern biex isaħħaħ is-sistema.

Fil-każ tal-appoġġ baġitarju settorjali msemmi, il-Kummissjoni vvalutat il-politiki settorjali bħala kompluti, kif ukoll rilevanti u kredibbli. Dawn l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju settorjali kien ġew adottati qabel ir-rivoluzzjoni; iktar tard, il-programmi ġew adattati għas-sitwazzjoni l-ġdida biex jistabbilizzaw ir-riżultati appoġġati mill-operazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tqis li d-dewmien fl-iżborżi tas-self tal-AMF ma kienx ikkawżat mill-implimentazzjoni bil-mod tal-għajnuna, iżda minħabba taħlita ta' diversi fatturi. Il-Parlament u l-Kunsill ħadu iktar minn ħames xhur biex jadottaw il-proposta tal-Kummissjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Tuneżini damu iktar minn 6 xhur biex jirratifikaw il-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija li kien fih il-kondizzjonalità tal-AMF. It-tieni żborż ġie ttardjat minħabba l-fatt li t-Tuneżini ma kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha fil-ħin.

## Introduzzjoni

09
Il-Kummissjoni tqis li ta' min isemmi li meta din l-operazzjoni AMF-I ta' EUR 300 miljun ġiet adottata, f'April 2014, kienet tikkostitwixxi l-ikbar AMF li qatt ingħatat lil pajjiż fil-Viċinat tan-Nofsinhar, sakemm ġiet proposta operazzjoni ġdida tal-AMF, għat-Tuneżija wkoll, ta' EUR 500 miljun mill-Kummissjoni fi Frar 2016, u adottata f'Lulju 2016. Din it-tieni AMF għandha l-għan li tkompli tappoġġa t-tranżizzjoni ekonomika, b'mod partikulari wara l-attakki terroristiċi tal-2015 u l-impatt negattiv tagħha fuq l-attività ekonomika.

## Osservazzjonijiet

**20**
Il-Kummissjoni tenfasizza li l-PAR 1 kienet operazzjoni tal-baġit multisettorjali u PAR 2 sa PAR 5 huma operazzjonijiet ta' Kuntratt għall-Bini tal-Istat.

**22**
Il-Kummissjoni tfakkar li hija dejjem aġixxiet fil-ħin kull meta kienet meħtieġa azzjoni min-naħa tagħha, f'kuntest politiku u ta' sigurtà diffiċli. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-Dokument ta' Azzjoni tal-programm tal-SSR ġie ffinalizzat fil-livell tekniku fit-18 ta' Ġunju 2015 (laqgħa tal-grupp ta' sostenn tal-kwalità), qabel l-attakk terroristiku ta' Ġunju 2015. Ittieħdu wkoll diversi azzjonijiet oħra fil-qasam tas-sigurtà matul dan il-perjodu (proġetti reġjonali, proġetti ffinanzjati taħt l-Istrument għall-Istabbiltà, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, eċċ.) qabel jew b'mod parallel mat-tħejjija tal-programm tal-SSR.

**23**
Il-Kummissjoni tinnota li fl-ewwel snin ta' wara r-Rivoluzzjoni l-koordinazzjoni tad-donaturi saret fuq il-bażi ta' pjan ta' rkupru ekonomiku tal-awtoritajiet Tuneżini u ittri ta' żvilupp governattivi. Dawn id-dokumenti wasslu għal bosta pakketti ta' appoġġ finanzjarju mid-donaturi taħt l-hekk imsejħa Programmes d'Appui à la Relance (PAR), li wħud minnhom saħansitra użaw matriċi ta' politika konġunta. Sussegwentement, il-koordinazzjoni fost id-donaturi, inkluża l-UE permezz ta' l-appoġġ baġitarju tagħha u l-operazzjonijiet tal-AMF, ġiet iffaċilitata bi ftehim bejn l-FMI u l-awtoritajiet Tuneżini fuq programm komprensiv ta' aġġustament makroekonomiku u riformi strutturali.

**24**
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-fondi ma kinux mifruxa fuq wisq oqsma u l-għajnuna kienet iffukata biżżejjed.

Filwaqt li l-għajnuna tal-UE fil-fatt inkludiet għadd kbir ta' setturi, hija għamlet dan, inizjalment, b'rikonoxximent tal-isfidi u l-ħtiġijiet kbar li t-Tuneżija kienet qiegħda tiffaċċja fil-perjodu ta' wara r-rivoluzzjoni. Hija għamlet dan bi tweġiba għal talbiet speċifiċi għal għajnuna mill-awtoritajiet Tuneżini fi żmien meta l-Gvern kien jeħtieġ tant appoġġ internazzjonali. Tabilħaqq, bejn l-2011 u l-2013 ġew adottati l-'operazzjonijiet ta' emerġenza' immirati lejn servizzi essenzjali, l-appoġġ għat-transizzjoni demokratika u li jakkumpanjaw il-proċess ta' riformi ekonomiċi.

Madankollu, hekk kif is-sitwazzjoni dehret li progressivament qed tistabbilizza ruħha (bejn wieħed u ieħor mill-2014 'il quddiem), l-UE stinkat biex tikkonċentra l-assistenza tagħha. Dan l-isforz immaterjalizza fil-Qafas ta' Appoġġ Uniku 2014 – 2016 li identifika tliet setturi ta' intervent (riformi soċjoekonomiċi għal tkabbir inklużiv, elementi fundamentali tad-demokrazija, u żvilupp reġjonali u lokali sostenibbli) fi sforz biex nidderieġu l-għajnuna tagħna. Dawn it-tliet setturi kienu kkunsidrati b'mod sistematiku fit-tfassil tal-Programmi Annwali ta' Azzjoni favur tat-Tuneżija.

**25**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jenfasizzaw li d-deċiżjonijiet tagħhom ma wasslux għad-dgħufija ta' finanzjament u diffikultajiet ta' ġestjoni. Id-dewmien u d-diffikultajiet ta' ġestjoni kienu direttament u primarjament marbuta ma' fatturi esterni (jiġifieri instabbiltà politika, sitwazzjoni ekonomika diffiċli tal-pajjiż).

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-kondizzjonalità tal-AMF tindirizza għadd limitat ta' prijoritajiet f'diversi oqsma interkonnessi ta' riforma strutturali, bħala approċċ komprensiv ta' appoġġ għal programm ta' aġġustament ekonomiku. Dan m'għandux jitqies bħala devjazzjoni mill-politika tal-Kummissjoni li tikkonċentra l-għajnuna tagħha fuq għadd limitat ta' setturi. Barra minn hekk, f'diversi oqsma ta' appoġġ (bħal statistika, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-governanza tajba tal-Qorti tal-Awdituri) kienet kruċjali l-koordinazzjoni soda ma' donaturi oħrajn u fi ħdan is-servizzi differenti tal-Kummissjoni biex ir-riformi importanti jiġu implimentati bis-sħiħ.

**26**
Il-Kummissjoni tinnota li l-azzjonijiet tal-UE kienu kkoordinati tajjeb mal-Istati Membri u d-donaturi internazzjonali ewlenin, iżda l-programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri ma nkisibitx minħabba l-adozzjoni tard tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali. Koordinazzjoni u komunikazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri saret fuq bażi regolari u kienet kostruttiva.

**28**
Il-proċess ta' programmazzjoni konġunta ġie pospost sabiex l-eżerċizzju tal-programmazzjoni jiġi allinjat mal-pjan ta' żvilupp ta' ħames snin sabiex jitjieb it-tqassim tax-xogħol fost id-donaturi, inklużi l-Istati Membri.

Missjoni ta' programmazzjoni konġunta saret b'mod parallel mal-missjoni ta' programmazzjoni SEAE/DĠ NEAR li saret f'Ottubru 2016. Bħalissa hemm konsulent li qiegħed jikkoordina mal-SM kollha u l-eżerċizzju ta' programmazzjoni konġunta x'aktarx se jkun operattiv fl-2017.

**29**
Il-Kummissjoni tinnota li l-azzjonijiet tal-UE għenu sostanzjalment lit-Tuneżija iżda, instabu xi nuqqasijiet żgħar fl-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-programmi.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-programm PAR1 kien operazzjoni tal-baġit multisettorjali u l-PAR 2 sa PAR 5 huma operazzjonijiet ta' Kuntratt għall-Bini tal-Istat. Id-differenza fil-modalità għandha konsegwenzi fuq l-analiżi tal-programmi.

32
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li minkejja li l-PAR3 u l-PAR4 kienu ffinanzjat biss mill-UE, dawn il-programmi, u l-miżuri definiti fihom, ġew ikkoordinati ma’ donaturi oħra.

33
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-fatt li Programme d’appui à la relance 1 (PAR 1) kien appoġġ baġitarju multisettorjali u li l-operazzjonijiet sussegwenti tal-PAR użaw il-modalità tal-Kuntratt għall-Bini tal-Istat, li tfasslet speċifikament sabiex tippermetti lill-UE tappoġġa pajjiżi msieħba f’sitwazzjonijiet fraġli jew ta’ wara l-kriżi.

Filwaqt li l-modalità tal-Kuntratt għall-Bini tal-Istat użata tippermetti xi flessibbiltà kif deskritt fil-politika adottata fl-2011, l-implimentazzjoni tagħha mis-servizzi tal-Kummissjoni minn dejjem kienet rigoruża. L-indikaturi tal-prestazzjoni użati kienu definiti wara proċess twil u komprensiv ta’ djalogu politiku mal-awtoritajiet. Dawn l-indikaturi permettew li jitressqu ’l quddiem proċessi importanti ta’ riforma matul il-perijodu taħt rieżami. L-urġenza tas-sitwazzjoni li l-UE kellha tirreaġixxi għaliha u n-natura immedjata tal-modalità magħżula biex jiġu implimentati l-Kuntratti għall-Bini tal-Istat m’għandhomx jiġu assoċjati mal-impressjoni ta’ “flessibbiltà” fil-kundizzjonijiet għall-iżborż.

Il-Kummissjoni tenfasizza li huwa possibbli u previst fil-linji gwida ta’ appoġġ baġitarju rilevanti li jiġġeddu l-Kuntratti għall-Bini tal-Istat b’mod partikolari meta t-tranżizzjoni għal strumenti oħra ta’ appoġġ baġitarju ma tkunx għadha fattibbli.

Ta’ min wieħed iżomm f’moħħu li l-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju dwar Kuntratti għall-Bini tal-Istat kienu ġodda (2012) u l-modalità ma kinitx ittestjata meta ġiet applikata għall-ewwel darba f’pajjiż ta’ dħul medju li kien għaddej minn tranżizzjoni politika enormi bħat-Tuneżija. Din l-esperjenza Tuneżina, ikkonfermata wkoll bl-implimentazzjoni tal-SBCs f’pajjiżi oħra, wasslet lill-Kummissjoni għal reviżjoni tal-gwida dwar it-tul tal-Kuntratti għall-Bini tal-Istat u l-possibbiltà li jiġu adottati Kuntratti għall-Bini tal-Istat b’mod parallel għal operazzjonijiet ta’ appoġġ baġitarju settorjali. Reviżjoni tal-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju se tiddokumenta l-lezzjonijiet li ttieħdu.

34
Il-Kummissjoni tiddikjara li, f’numru limitat ta’ każijiet, l-indikaturi/il-miżuri ġew issodisfati qabel l-iffirmar ta’ ftehimiet ta’ finanzjament. Iżda dan pjuttost jirrifletti l-fatt li l-proċess amministrattiv twil tal-Kummissjoni li jwassal għall-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet ta’ finanzjament mhuwiex idoneu għax-xorta ta’ operazzjoni ta’ emerġenza li l-Kummissjoni u donaturi oħrajn (il-Bank Dinji u l-Bank Afrikan ta’ Żvilupp) dak iż-żmien stinkaw biex idaħħlu fis-seħħ fit-Tuneżija sabiex iwieġbu għal sitwazzjoni politiċi u soċjoekonomiċi partikolarment instabbli.

Fil-fatt, dawn il-miżuri kienu ġew approvati formalment mal-awtoritajiet bosta xhur qabel l-iffirmar tal-ftehim ta’ finanzjament. Minkejja dan, bejn iż-żmien li l-miżuri kienu maqbula u ż-żmien meta ġiet adottata d-deċiżjoni ta’ finanzjament mill-Kummissjoni, il-miżura kienet tabilħaqq ġiet adottata/implimentata mill-Gvern. Dan is-suċċess kien riżultat ukoll ta’ djalogu politiku intensiv mal-awtoritajiet u għalhekk ma kienx iseħħ sal-istess punt jew fl-istess qafas ta’ żmien fin-nuqqas ta’ operazzjonijiet ta’ appoġġ baġitarju.

35
Id-deċiżjoni ta’ finanzjament ppreżentata lill-Istati Membri u l-ftehim ta’ Finanzjament iffirmat mal-Gvern tat-Tuneżija ddikjara biċ-ċar li l-indikaturi tal-prestazzjoni għat-tieni segment se jkunu identifikati matul it-tieni sena tal-programm. Tali arranġament ma huwiex f’kontradizzjoni mal-Linji gwida u huwa utli f’sitwazzjonijiet volatili fejn huwa diffiċli li wieħed jifformula programmazzjoni kompluta fuq diversi snin, bħal fit-Tuneżija fl-2011 (jiġifieri gvern temporanju, elezzjonijiet imminenti).

**36**
Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, filwaqt li "iktar għal iktar fondi" ma ġewx formalment imħabbra qabel Mejju jew Ġunju tas-sena N+1, il-Kummissjoni u s-SEAE kienu diġà wettqu valutazzjoni tas-sitwazzjoni fid-diversi pajjiżi fir-reġjun u kellhom sens ċar – pjuttost kmieni fis-sena (ġeneralment minn Jannar/Frar) - tal-ammont "iktar għal aktar li kull pajjiż kellu jirċievi. Għalhekk, meta jiġu nnegozjati l-programmi u l-matriċi ta' indikaturi, it-tim tal-Kummissjoni żamm ċertu flessibbiltà u kkalkola jew il-programmi addizzjonali jew f'xi każijiet ammont ogħla minn dak disponibbli uffiċjalment fil-bidu tan-negozjati.

**37**
Il-Kummissjoni tenfasizza li l-assistenza tal-UE kienet ibbażata fuq it-talbiet tal-awtoritajiet Tuneżini u l-ħtiġijiet miftiehma bilateralment, ġew diskussi u vvalutati. L-għadd kbir ta' miżuri inklużi f'PAR 1-3 jeħtieġ li jitqies mill-perspettiva ta' operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju konġunti, li jitwettqu minn tliet aġenziji ta' appoġġ baġitarju, kontra l-impenji finanzjarji li jaqbżu l-biljun dollaru għal kull operazzjoni.

B'hekk, filwaqt li titqies il-preżenza ta' diversi aġenziji donaturi (li jikkontribwixxu permezz ta' kompetenza mill-iktar moderna) u l-ammont importanti ta' dawn l-operazzjonijiet, l-għadd ta' miżuri huwa tabilħaqq qrib tal-livell ta' tali tipi ta' operazzjonijiet.

Il-programmi tar-PAR ibbenefikaw minn attenzjoni ta' livell għoli b'laqgħat regolari tal-Kabinett iddedikati għar-rieżami tal-implimentazzjoni tagħhom (dan ma kienx isir għal programm iżgħar) u għandu jkun innotat kif jixraq li l-maġġoranza kbira ta' dawn il-miżuri kienet issodisfata.

**38**
Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-valutazzjoni ta' kull wieħed mill-kundizzjoni tal-matriċi PAR I-IV saret bl-istess reqqa.

Il-Kummissjoni tenfasizza li fl-applikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-2011 u l-Konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tal-2012 dwar "L-Approċċ Futur għall-Appoġġ Baġitarju tal-UE għal Pajjiżi Terzi", se jkompli jiġi applikat approċċ dinamiku għall-kriterji ta' eliġibbiltà. Dan l-approċċ kien partikolarment adattat minħabba l-qagħda politika instabbli li kienet prevalenti dak iż-żmien u l-użu – għall-ewwel darba fit-Tuneżija – tal-Kuntratt tal-Bini tal-Istat.

Dan l-approċċ huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju tal-operazzjonijiet tal-Kuntratti tal-Bini tal-Istat. Din il-modalità ġiet inkluża fil-linji gwida tal-apppoġ għall-baġit tal-2012,li għandhom jintużaw f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, dawk ta' wara kriżi u dawk fraġli. Għalhekk hija modalità iktar flessibbli. Madankollu l-valutazzjoni tal-fajls tal-iżborż mill-Kummissjoni issir bl-istess reqqa ta' kwalunkwe modalità oħra ta' appoġġ baġitarju.

Għandu jingħad ukoll li eventwalment inkisbu r-riżultati antiċipati kollha minbarra ftit (pjuttost marġinali). Għalhekk, il-flessibbiltà mogħtija għal PAR III u IV ma jidhirx li wasslet għal riżultati inferjuri / impatt fuq medda medja ta' żmien.

**39**
Il-Kummissjoni tinnota li l-implimentazzjoni ta' xi riformi ekonomiċi strutturali għadha għaddejja bil-mod jew teħtieġ titjib qawwi filwaqt li r-riformi li jakkumpanjaw it-tranżizzjoni demokratika kienu iktar sodisfaċenti. L-adozzjoni ta' miżuri jew indikaturi orjentati lejn ir-riżultati ma kinetx tkun possibbli fil-kuntest ta' Kuntratti għall-Bini tal-Istat ta' sena jew sentejn kif inhu mfakkar fil-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju li jipprevedu li l-*"indikaturi ta' prestazzjoni... Se jkunu primarjament indikaturi ta' proċess"* (p. 99).

Ġew żgurati interventi kumplimentarji f'forma ta' assistenza teknika u b'hekk ingħata appoġġ lill-awtoritajiet fl-abbozzar u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni/regolamentazzjoni (jew proċeduri amministrattivi) meħtieġa biex tiġi mħaddma xi liġi jew digriet. Grazzi għat-taħlita ta' politika, il-biċċa l-kbira tal-miżuri identifikati mill-UE wasslu għal riżultati konkreti.

Eżatt bħall-proċessi ta' wara r-rivoluzzjoni, it-tibdiliet politiċi u istituzzjonali profondi li qed iseħħu bħalissa fit-Tuneżija se jieħdu ż-żmien biex jipproduċu r-riżultati kollha tagħhom.

**40**
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li s-sitwazzjoni li qed tevolvi bil-ħeffa b'sitwazzjoni amministrattiva u politika mgħobbija żżejjed u li dejjem tinbidel (sitt Gvernijiet bejn l-2011 u 2015) timponi diffikultajiet partikolari fuq il-kompitu ta' implimentazzjoni ta' evalwazzjoni ta' kwalità għolja u oġġettiva matul dan il-perjodu. F'termini ta' metodoloġija ta' evalwazzjoni, kien ukoll ikun kmieni wisq biex jiġu vvalutati l-impatti.

L-aħħar evalwazzjoni kompleta ta' operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju saret fl-2010. Dawn l-evalwazzjonijiet normalment jitmexxew fuq perjodu ta' 10 snin. Hu meħtieġ li wieħed jagħmel pass lura biex jivvalutata s-sitwazzjoni b'mod oġġettiv.

Filwaqt li għidna dan kollu, qed issir evalwazzjoni mid-DĠ NEAR dwar programmi li jiffokaw fuq il-governanza ekonomika, li jinkludu l-programmi kollha ta' appoġġ baġitarju implimentati fit-Tuneżija ħlief il-BS6.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni mmonitorjat b'attenzjoni l-outputs, l-eżiti u r-riżultati matul dan il-perjodu u għamlet użu sħiħ minn strumenti speċifiċi biex tivvaluta r-riżultati ta' miżuri ta' appoġġ baġitarju, u għamlet użu wkoll minn diversi evalwazzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali differenti.

**41**
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-evalwazzjoni l-ġdida tal-PEFA twettqet skont il-metodoloġija l-ġdida adottata mis-Segretarjat tal-PEFA li rriżultat f'diversi konklużjonijiet kontradittorji fir-rigward tal-valutazzjoni tal-2010 tal-PEFA u dewmien fl-approvazzjoni tagħha mill-awtoritajiet Tuneżini, dewmien li kien lil hinn mill-kontroll tal-Kummissjoni, il-Bank Dinji jew il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp.

Madankollu, il-Kummissjoni tikkonferma li l-valutazzjoni tal-PEFA li għaddejja bħalissa, fil-fatt tnediet fl-2014, jiġifieri erba' snin wara li twettqet l-aħħar valutazzjoni tal-PEFA u għalhekk, fir-rispett tal-linji gwida interni tal-appoġġ baġitarju.

Minbarra l-PEFA, bħala pass preċedenti għad-deċiżjoni li jiġi pprovdut appoġġ tal-AMF, il-Kummissjoni wettqet, f'Diċembru 2013, Valutazzjoni Operazzjonali sħiħa u komprensiva taċ-ċirkwiti amministrattivi u finanzjarji li hemm fil-Ministeru tal-Finanzi u fil-Bank Ċentrali tat-Tuneżija.

**42**
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-PEFA hija għodda utli iżda dan mhijiex obbligazzjoni mandatorja u barra minn hekk teħtieġ impenn u l-kooperazzjoni sħiħa tal-pajjiż.

Wara l-2011, it-Tuneżija (u l-imsieħba tagħha), minkejja li ma kienx hemm PEFA reċenti, ibbenefikaw minn tużżana valutazzjonijiet ta' kwalità għolja tas-sistema ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiż matul il-perijodu taħt rieżami. Dawn il-valutazzjonijiet twettqu fil-qafas tal-programmi tal-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet indipendenti, bħall-FMI, l-OECD, u l-Open Budget Survey.

Dawn id-diversi valutazzjonijiet iġġeneraw informazzjoni fil-fond dwar id-dimensjonijiet differenti tal-PFM (il-formulazzjoni tal-baġit, l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontabilità, l-akkwisti, l-kontrolli interni u esterni, il-ġestjoni tal-assi, it-trasparenza, l-aġenda ta' riforma, eċċ.).

Minkejja li l-PEFA tnediet b'xi dewmien fl-2014, ir-riżultati tagħha huma mistennija kmieni fl-2017 u se jintużaw biex jiġi vvalutat il-progress tal-PFM fil-pajjiż.

**43**
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li fiċ-ċirkostanzi li t-Tuneżija ilha tiffaċċja mill-2011, bl-isfidi importanti li l-pajjiż kellu jirrispondi għalihom (politiċi, ekonomiċi, soċjali, b'rabta mas-sigurtà), it-Tuneżija għadha pajjiż mudell fir-reġjun. Il-proċess ta' tranżizzjoni hu wieħed twil u diffiċli u li xorta se jirrikjedi iktar sforzi minn dan l-imsieħeb importanti.

**(a)**
Il-Kummissjoni hija tal-fehma li filwaqt li għad fadal xi sfidi f'xi oqsma, il-progress meta mqabbel mas-sitwazzjoni prevalenti fl-2011 kien bla dubju pożittiv u sostnut. Is-sit internet miftuħ tal-baġit tal-Ministeru tal-Finanzi huwa eżempju tajjeb ta' l-isforzi kbar li saru f'dan ir-rigward (http://www.mizaniatouna.gov.tn).

Stħarriġ indipendenti tat-trasparenza baġitarja jew tixrid tal-istatistika (l-istħarriġ baġitarju internazzjonali 2011, 2015, website tat-tixrid tal-istatistika) issa jikklassifikaw it-Tuneżija fl-ewwel post fil-grupp rispettiv tagħha tal-pajjiżi skont id-dħul/reġjonali.

Il-promulgazzjoni reċenti ta' liġi organika dwar il-libertà ta' informazzjoni, flimkien ma' soċjetà ċivili vibranti ħerqana li tisfrutta minn issa dawn id-drittijiet ġodda jindikaw li se jsir iktar progress fis-snin li ġejjin.

**(b)**
Il-programm tal-appoġġ tas-soċjetà ċivili tal-UE (PASC) ikkontribwixxa biex isolvi l-problemi relatati mal-istabbiliment ta' 180 NGO fil-governat ta' Tozeur. Il-programm daħal fi ftehim mas-servizzi responsabbli tal-Gvern Tuneżin għall-organizzazzjoniiet biex jgħinu lill-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili applikanti jħejju l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-programm jinkludi komponent ta' assistenza teknika biex tgħin lill-awtoritajiet Tuneżini jistabbilixxu sistema bbażata fuq l-IT għad-dipartiment tal-NGOs li tista' tħaffef l-ipproċessar tal-fajls, inkluż għar-reġistrazzjoni tal-NGOs.

**(c)**
Filwaqt li l-implimentazzjoni ta' riformi fir-rigward tas-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u l-akkwisti pubbliċi iltaqgħet ma' reżistenza qawwija minn xi oqsma tal-amministrazzjoni, ir-regolamenti ta' implimentazzjoni relatati kollha kienu ġew adottati u l-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet qed jibda bis-serjetà. Bdew jiġi rreġistrati riżultati pożittivi bikrin b'mod speċjali fir-rigward tal-akkwist pubbliku marbut mad-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-proċeduri kollha tal-akkwist.

Fir-rigward tal-awditjar estern, l-adozzjoni futura tal-liġi organika li tagħti indipendenza sħiħa lill-Qorti tal-Awdituri (miżura PAR IV) hija antiċipata li timmarka stadju importanti fit-twettiq ta' awditjar estern fit-Tuneżija. Il-Kummissjoni ser tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-Qorti biex tiżgura li din taħtaf bis-sħiħ dawn l-opportunitajiet il-ġodda.

Rigward l-awditjar intern, għad fadal xi xogħol xi jsir biex jiġi razzjonalizzat il-qafas istituzzjonali. Dan huwa ppjanat fil-programm PAR V.

**(d)**
Il-miżuri inklużi fil-programmi PAR kienu mmirati biex jistabbilizzaw il-finanzi muniċipali, li kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' piż insostenibbli ta' finanzjament minħabba waqgħa f'daqqa fid-dħul lokali wara r-rivoluzzjoni. Dan ġie segwit fil-programm *Cap vers la Décentralisation et le Développement des Territoires* (EUR 43 miljun) b'approċċ iktar strutturali fil-kuntest tad-deċentralizzazzjoni. Iżda dan tal-aħħar ma setax jiġi implimentati mingħajr is-suċċess tal-ewwel wieħed u qabel id-deċiżjoni politika biex jingħata bidu għall-proċess ta' deċentralizzazzjoni.

**(e)**
Il-progress f'termini tat-tqegħid fil-mira tal-benefiċjarji kien tassew diżappuntanti minkejja li l-UE, l-FMI u l-Bank Dinji kienu qed jappellaw b'insistenza lill-awtoritajiet biex jaġixxu. Dan jirrifletti d-diffikultajiet politiċi profondi fit-tisħiħ tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal programmi bħal dawn. Minkejja dawn l-ostakoli, huwa importanti li tibqa' ssir insistenza fuq dawn ir-riformi fid-dawl tal-kontribuzzjoni kritika tagħhom għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Dan għadu jsir b'mod konġunt mill-FMI, il-Bank Dinji u l-UE (AMF). Madankollu, huwa mistenni li l-bażi tad-dejta tan-Numri tal-Identifikazzjoni Soċjali u l-evalwazzjoni tal-programmi kurrenti ta' assistenza soċjali kif ukoll is-sistema proposta ta' punti se jtejbu l-immirar ta' dawn il-programmi.

**(f)**
Il-Kummissjoni tqis li grazzi għall-kundizzjonijiet tal-iżborż ta' appoġġ baġitarju f'PAR-III tad-donaturi u djalogu politiku kkoordinat tad-donaturi mal-Ministeru tal-Finanzi, fit-Tuneżija issa jeżisti qafas regolatorju li jwassal għall-iżvilupp tal-mikrofinanzjament. Dan tal-aħħar ippermetta l-ħolqien ta' seba' istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament li jservu reġjuni inqas żviluppati li mhumiex servuti, inklużi żewġ żoni (Microcred u Taysir) appoġġati finanzjarjament mill-UE, mill-AFD, mill-BEI u mill-BERŻ. Skont l-aħħar rapporti annwali ta' Microcred u Taysir, 7,684 mikroimprenditur ġew servuti b'servizzi finanzjarji u TA minn mindu bdew l-operazzjonijiet fl-2015, li minnhom 4,205 huma nisa u 3,338 huma żgħażagħ.

**(g)**
Ġiet adottata liġi ġdida tal-Investiment mill-Parlament f'Settembru 2016 fil-kuntest tat-tħejjija għall-*Konferenza tal-2020 dwar it-Tuneżija*. Din il-liġi, flimkien mal-leġiżlazzjoni adottata reċentement dwar il-kompetizzjoni, il-falliment u l-PPP għanda tippermetti li jkun hemm klima ta' investiment mtejba ħafna fil-ġejjieni.

**45**
Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li wieħed jinnota li qabel ma jkun jista' jsir l-ewwel żborż tal-AMF iridu jittieħdu diversi passi proċedurali. Qabel ma tipproponi operazzjoni tal-AMF, il-Kummissjoni tivvaluta s-saħħa taċ-ċirkwiti finanzjarji fil-pajjiż benefiċjarju permezz ta' valutazzjoni operazzjonali li tieħu mill-inqas xahar. Peress li l-proposti tal-Kummissjoni għall-AMF huma suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja skont l-Artikolu 212 tat-TFUE, huma jridu jiġu adottati mill-Parlament u mill-Kunsill. Wara din l-adozzjoni, irid jiġi approvat minn Stat Membru Memorandum ta' Qbil (MtQ) li jinkludi l-kundizzjonalità tal-AMF u ffirmat mill-pajjiż benefiċjarju. Barra minn hekk, it-Tuneżija kellha tirratifika l-MtQ.

Sussegwentement, il-fondi għall-iżborż għandhom jiġu missellfa mill-Kummissjoni fis-swieq, proċess li normalment jieħu madwar xahar. Għat-Tuneżija, ta' min isemmi li ntilef xahar fil-proċedura leġislattiva ordinarja minħabba l-fatt li approvazzjoni mill-Parlament fis-seduta plenarja ġiet imċaqalqa fl-aħħar mument għas-sessjoni plenarja ta' April II, li jfisser li l-proposta tal-Kummissjoni ħadet ħames xhur biex tiġi approvata mill-koleġiżlaturi. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-iffirmar u r-ratifika tal-MtQ mit-Tuneżini diġà ħadu iktar minn seba' xhur.

**47**

Il-Kummissjoni tqis li l-programm tal-AFM kellu rwol ewlieni biex imexxi 'l quddiem riformi tant meħtieġa fit-Tuneżija, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' donaturi internazzjonali oħrajn u l-pjanijiet ta' riforma tal-gvern stess, b'mod partikolari f'ambjent diffiċli ta' tranżizzjoni. Il-programm il-ġdid tal-AMF itella' t-total tal-appoġġ tal-AMF lit-Tuneżija għal EUR 800 miljun sal-lum u jiżgura l-kontinwità tar-riformi filwaqt li jittratta sett ġdid ta' miżuri bl-għan li jappoġġa l-isforzi li qed isiru mit-Tuneżija biex jimxu lejn mudell ekonomiku iktar sostenibbli.

**48**

Il-Kummissjoni tqis li l-kriterji ta' eliġibbiltà, inkluż l-implimentazzjoni ta' politika kredibbli u rilevanti ġew issodisfati fil-mument tal-approvazzjoni ta' kull programm kif ukoll qabel kull pagament.

Fil-każijiet imsemmija ta' BS5 u BS6, il-Kummissjoni tinnota li, kif indikat mil-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju, "Programm ta' riforma mhux dejjem jista' jiġi inkapsulat f'politika unika, komprensiva u koerenti jew dokument ta' strateġija. F'każijiet bħal dawn, l-analiżi se tkun ibbażata fuq miżuri differenti u proċess ta' riforma segwit mill-gvern biex isaħħaħ is-sistema." Fl-applikazzjoni tal-gwida, il-Kummissjoni vvalutat il-politiki settorjali bħala kompluti, kif ukoll rilevanti u kredibbli.

**49**

Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li t-tliet programmi ta' appoġġ baġitarju settorjali ġew adottati qabel ir-Rivoluzzjoni, b'konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà li kienu fis-seħħ dak iż-żmien, filwaqt li l-kuntratti tal-Bini tal-Istat ġew adottati wara r-Rivoluzzjoni b'reazzjoni għal kuntest kompletament ġdid li kien jitlob approċċ ġdid u li għamel lit-Tuneżija eliġibbli għal tali strument. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-linji gwida ta' appoġġ baġitarju biex tippermetti l-adozzjoni tal-kuntratti tal-bini tal-istat u s-sostenn baġitarju settorjali fl-istess ħin.

**50**

**(a)**

Ara t-tweġiba għall-kaxxa 3 a)

**(b)**

Ara t-tweġiba għall-kaxxa 3 b)

## Kaxxa 3 — Każijiet ta' dgħufijiet misjuba fit-tfassil ta' programmi ta' appoġġ baġitarju settorjali

**(a)**

Il-Kummissjoni taqbel parzjalment. Fil-mument tat-tfassil tal-proġett, irriżulta li kien diffiċli biex wieħed ikejjel il-linji bażi għall-indikaturi kollha. Għalhekk, biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, il-miri għal ċerti indikaturi ġew espressi bħala unitajiet assoluti ta' progress, iktar milli mqabbla ma' valuri tal-linja bażi.

Fir-rigward tal-mira fuq kawnters volumetriċi, ta' min jinnota li din tirrappreżenta żieda ta' 10 % fuq il-valur ta' tħaffir b'konċessjonijiet legali, li tqieset bħala sinifikanti. Iż-żieda hija dovuta għall-inklużjoni tal-kawnters volumetriċi għat-tħaffir li għalihom mhijiex neċessarja konċessjoni legali (ilma tal-wiċċ jew f'fond baxx). Għal indikatur D, kien hemm bidliet kbar fil-politika ta' reklutaġġ tal-gvern wara l-2011 li ma setgħux jiġu antiċipati meta ġie mfassal il-programm. Wara għoxrin sena ta' politika ta' reklutaġġ konservattiva fis-settur tal-ilma, iż-żieda fir-riżorsi umani tista' tiġi vvalutata bħala żvilupp pożittiv.

Meta ġie ffirmat il-programm, fl-2011, kien diffiċli li jiġi antiċipat li l-gvern il-ġdid fil-ħatra mill-2012 ma kienx se jagħti prijorità lill-ġbir ta' tariffi fuq l-ippumpjar tal-ilma ta' taħt l-art, li kien wieħed mill-obettivi tal-gvern preċedenti. Dan in-nuqqas jista' jiġi attribwit iktar għal bidla fir-rieda politika milli għal pawsa fil-funzjoni ta' unità waħda.

**(b)**
Il-Kummissjoni tosserva li rigward il-BS6: Fil-każ tal-indikatur D, kien hemm bidliet kbar fil-politika ta' reklutaġġ tal-gvern wara l-2011 li ma setgħux jiġu antiċipati meta ġie mfassal il-programm. Wara għoxrin sena ta' politika ta' reklutaġġ konservattiva fis-settur tal-ilma, iż-żieda fir-riżorsi umani tista' tiġi vvalutata bħala żvilupp pożittiv ħafna.

**(c)**
Fil-każ tal-BS6, il-Kummissjoni tisħaq li, kif indikat mil-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju, "Programm ta' riforma mhux dejjem jista' jiġi inkapsulati f'politika unika, komprensiva u koerenti jew dokument ta' strateġija. F'każijiet bħal dawn, l-analiżi se tkun ibbażata fuq miżuri differenti u proċess ta' riforma segwit mill-gvern biex isaħħaħ is-sistema." Hu fl-applikazzjoni ta' din il-gwida li l-Kummissjoni vvalutat il-politiki settorjali bħala kompluti, rilevanti u kredibbli.

Fil-każ tal-BS5 il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li dan il-ftehim ta' finanzjament ġie ffirmat fl-2008 taħt kondizzjonijiet u prattiki differenti. Madankollu, għall-programmi u żborżi sussegwenti il-Kummissjoni applikat il-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju bir-reqqa.

**51**
Il-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li l-Matriċi imsemmija ġiet żviluppata mill-Gvern bħala deskrizzjoni fil-qosor tal-miżuri li kien fi ħsiebu jimplimenta biex jirrestawra l-qawwa finanzjarja tal-muniċipalitajiet Tuneżini.

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-istrateġija tal-Gvern, il-matriċi pprovdiet l-aħjar deskrizzjoni disponibbli tal-pjan ta' azzjonijiet dettaljat tagħha.

Bħala tali, ma kien hemm l-ebda ġudizzju a priori li xi miżuri ma kinux ser jiġu ssodisfati iżda li bħal f'kull strateġija, xi miżuri jistgħu jkunu iktar importanti minn oħrajn (tal-inqas mill-perspettiva tal-Kummissjoni). Madankollu, il-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-eliġibilità dwar il-politika pubblika tinvolvi evalwazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ġenerali tal-Gvern, mhux biss dawk l-azzjonijiet li l-Kummissjoni jidhrilha li huma kritiċi.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minbarra l-matriċi ġenerali tal-miżuri msemmija, it-tliet objettivi prinċipali tal-programm — iż-żieda drammatika tad-dħul, l-iffriżar tal-mutur ewlieni tal-infiq li żdied (reklutaġġi) u żieda fl-eżekuzzjoni tal-proġetti tal-investiment tal-iżvilupp lokali — inqabdu minn indikaturi tar-riżultati fit-tieni porzjon tal-programm.

Illum wieħed jirrealizza li r-rata ta' tlestija ta' dawn il-miżuri kienet partikolarment għolja li jista' jfisser li l-kundizzjonijiet kienu kemm rilevanti kif ukoll vijabbli.

## 52

Il-Kummissjoni taqbel, imma tenfasizza li l-kundizzjonijiet kienu numerużi (BS5) u partikolarment diffiċli fil-każ taż-żewġ programmi. Għall-BS6, it-tul ta' żmien tal-programm ġie estiż minn 72 għal 96 xahar biex wieħed jirreagixxi għad-diffikultajiet iffaċċjati mill-gvern il-ġdid, u b'mod partikolari l-Ministeru tal-Agrikoltura, wara l-avvenimenti politiċi tal-2011. L-objettiv ewlieni ta' din l-estensjoni kien li jiġi żgurat li jistgħu jidħlu fis-seħħ miżuri komplimentari għall-implimentazzjoni bla skossi tal-programm.

Il-pass tal-implimentazzjoni tal-programm kien jiddependi ħafna fuq fatturi esterni relatati mal-kuntest ta' wara r-rivoluzzjoni.

## 53

Il-Kummissjoni taqbel u tinnota li d-dewmien fl-ikkuntrattar tal-komponenti ta' assistenza teknika tal-proġett BS5 u BS6 kien iġġustifikat mill-kumplessità tas-setturi appoġġjati u l-ħtieġa li wieħed jinvolvi ruħu f'diskussjoni politika u strateġika profonda sabiex jidentifika sew il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet xierqa.

Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li għalkemm ma kienx hemm assistenza teknika skont il-BS7, ġiet ipprovduta għajnuna teknika fil-qafas tal-programmi kontinwi l-oħrajn. Il-perjodu eliġibbli tal-ikkuntrattar skont ir-regolamenti finanzjarji kien skada sakemm ġie rieżaminat il-kontenut tal-programm, u b'hekk waqaf l-ikkuntrattar tal-għajnuna teknika addizzjonali.

## 54

Il-Kummissjoni taqbel u tirrikonoxxi li l-proċess leġiżlattiv kien pjuttost kajman mir-rivoluzzjoni 'l hawn peress li l-prijoritajiet Kostituzzjonali u oħrajn (eż, is-sigurtà, il-korruzzjoni) ħadu preċedenza fuq kwistjonijiet bħal-leġiżlazzjoni baġitarja. L-adozzjoni tal-liġi hija antiċipata li ssir matul l-ewwel tliet xhur tal-2017.

Għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li ġie rreġistrat progress sinifikanti f'termini ta' proċeduri baġitarji anki qabel l-adozzjoni tal-liġi. Sal-lum, 22 minn 26 ministeru adottaw baġits tal-programmi u inkluż indikaturi tal-prestazzjoni relatati mal-objettivi tagħhom tal-politika pubblika (minbarra dejta baġitarja) fis-sottomissjonijiet tagħhom tal-baġit lill-Parlament.

Iż-żieda fil-punteġġ li ngħata mill-Istħarriġ Baġitarju Internazzjonali tenfasizza t-titjib li sar f'dawn l-oqsma.

F'dan il-kuntest, il-promulgazzjoni tal-liġi tal-Baġit se timmarka t-tlestija pjuttost milli t-tnedija ta' din ir-riforma bbażata fuq il-prestazzjoni.

## 55

Il-Kummissjoni tinnota li nofs il-proġetti ma kellhom l-ebda dgħufijiet fit-tfassil. Fuq in-nofs l-ieħor, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel il-kummenti li ġejjin (ara hawn taħt):

### (a)

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-objettivi relatati mal-proġetti kkonċernati kienu rilevanti, speċifiċi u miżurabbli biżżejjed.

Fir-rigward tal-PJ7 u l-PJ8, il-Kummissjoni tikkunsidra li *l'amélioration des conditions de vie des populations défavorisées ou fragilisées socialement, par la réalisation d'infrastructures de base et d'équipements de proximité dans les zones urbaines defavorisées* » hija objettiv suffiċjentement rilevanti u speċifiku li jista' jitkejjel permezz tal-għadd ta' infrastrutturi bażiċi u t-tagħmir ipprovdut għal żoni informali fil-qafas tal-programm.

Fir-rigward tal-PJ11, il-Kummissjoni tqis li l-objettiv tal-programm tal-ġemellaġġ favur il-Qorti tal-Awdituri tat-Tuneżija «*diagnostic et préparation de la réforme institutionnelle*» flimkien ma' riżultati dettaljati mistennija u indikaturi oġġettivament verifikabbli huwa speċifiku u li jista' jitkejjel.

Barra minn hekk, l-erba' objettivi tal-PJ14 huma kkunsidrati mill-Kummissjoni bħala rilevanti u speċifiċi ħafna sabiex jiġi sostnut l-istabbiliment ta' Parlament modern, kapaċi u li jiffunzjona sew matul il-perjodu ta' tranżizzjoni demokratika. Tali objettivi, marbuta mar-riżultati mistennija jistgħu jitkejjlu b'mod suffiċjenti.

**(c)**
L-osservazzjoni tal-Qorti tirreferi għal każ speċifiku (PJ13) li l-ispjegazzjonijiet għalih huma dettaljati taħt il-punt c) hawn taħt.

## Kaxxa 4 — Każijiet ta' dgħufijiet fit-tfassil fil-proġetti rieżaminati

**(a)**
Il-Qorti tirreferi għal indikaturi stabbiliti biex ikejlu l-objettivi ġenerali tal-proġett. Matul l-istadju tal-implimentazzjoni tal-proġett, l-indikaturi kienu kemxejn riveduti biex jirriflettu aħjar għall-kisba ta' riżultati.

**(b)**
Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li l-mudell standard tal-ftehim ta' kontribuzzjoni ma jitlobx qafas loġiku. Mal-kuntratt hu mehmuż qafas ta' riżultati u r-riżorsi, li huwa l-ekwivalenti ta' qafas loġiku. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li kien hemm indikaturi skont il-format xieraq tal-proġetti taħt il-ġestjoni delegata.

**(c)**
Il-Kummissjoni tisħaq li l-appoġġ għas-soċjetà ċivili fit-Tuneżija kien impossibbli qabel ir-rivoluzzjoni. Il-finanzjament barrani kien ipprojbit u l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili kienu limitati ħafna u taħt il-kontroll strett tal-Gvern. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda indikaturi disponibbli biex jiġi vvalutat dan is-settur qabel l-2011.

L-indikaturi ġew definiti skont l-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien, biex jgħinu fil-kejl tal-grad ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet.

Il-Kummissjoni tinnota li għalkemm l-indikaturi mhumiex dettaljati ħafna, il-proġett organizza 435 djalogu/workshop ta' konsultazzjoni f' 24 governorat, 120 workshop ma' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi pubbliċi, ħadem bi 3,500 assoċjazzjoni u ħoloq 36 netwerk ta' assoċjazzjoni. Għandu jiġi nnutat ukoll li sar studju bir-reqqa dwar is-sitwazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-Tuneżija permezz tad-DUE.

Il-valutazzjoni finali tal-programm ser issir fi Frar 2017, u se tippermetti valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt ta' dan il-programm ambizzjuż.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li dan il-proġett huwa kkunsidrat bħala proġett ewlieni u eżempju eċċellenti fir-reġjun tal-viċinat tan-Nofsinhar kollu.

**56**
Il-Kummissjoni tinnota li l-proġetti kollha inkludew dokumenti, mudelli u l-livell ta' dettall li huwa meħtieġ f'każijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tenfasizza li t-tqassim tal-baġit għal proġett PJ 6, 7, 8 u 10, jagħti informazzjoni biżżejjed biex issir valutazzjoni tal-ispejjeż. L-effiċjenza tal-programm ġiet ivvalutata permezz ta' serje ta' rapporti ta' progress kif definit fil-kuntratt.

**57**
Il-Kummissjoni tixtieq ittenni (fir-rigward tal-valur miżjud tad-delegar tal-ġestjoni ta' fondi lill-intermedjarju lil ġestjoni indiretta mill-korp pubbliku Tuneżin ikkonċernat) li l-intermedjarju kien fil-ħin tal-adozzjoni taż-żewġ proġetti d-donatur ewlieni fil-qasam tar-riabilitazzjoni tal-inħawi informali, u kien qed jappoġġa l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tar-riabilitazzjoni Tuneżini għal snin sħaħ. It-tariffi amministrattivi mitluba mill-intermedjarju (2.9 % tal-fondi totali impenjati fiż-żewġ proġetti) huma ħafna iktar baxxi mill-ispejjeż relatati mal-funzjonament ta' Unitajiet tal-Ġestjoni tal-Proġetti meħtieġa fil-każ ta' ġestjoni indiretta.

Barra minn hekk, l-alternattiva tal-ġestjoni indiretta kienet tieħu ħafna iktar ħin, li twassal għal dewmien fl-implimentazzjoni minħabba li kien ikun meħtieġ perjodu ta' tagħlim dwar ir-regoli u l-proċeduri tal-UE biex il-benefiċjarju Tuneżin isir familjari magħhom.

**58**
Il-Kummissjoni tenfasizza li l-estensjonijiet mogħtija ma wasslu għall-ebda żieda fl-ispejjeż totali. Dawn kienu 'estensjonijiet bla spejjeż' peress li l-baġit globali tal-programmi ma jistax jiżdied.

Estensjoni bla spejjeż tista' tirriżulta f'ridistribuzzjoni ta' ċerti spejjeż għad-detriment ta' oħrajn imma tali aspetti huma parti mir-riskji assoċjati fil-ħidma f'dawn l-ambjenti. Madanakollu, matul in-negozjati ta' talbiet ta' estensjoni mingħajr spejjeż, il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-ispejjeż addizzjonali kollha tal-persunal li jirriżultaw minn tali estensjonijiet jinżammu għal livell minimu biex ma jipperikolawx is-suċċess tal-proġett. It-tul tat-transizzjoni demokratika Tuneżina kien itwal milli mistenni fiż-żmien immedjat wara r-rivoluzzjoni tal-2011, meta ġew iffirmati l-proġetti fil-kampjun.

**59**
Rigward l-impatt u s-sostenibbiltà tar-riżultati, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-objettiv speċifiku tal-PJ6, kif iddikjarat fil-Ftehim ta' Finanzjament, kien il-ħolqien ta' impjiegi temporanji fuq naħa, u t-titjib tal-impjegabbiltà ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet bil-forinment ta' taħriġ vokazzjonali fuq in-naħa l-oħra. Il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żewġ objettivi ntlaħqu. Barra minn hekk, ġiet adottata t-tieni fażi tal-proġett fl-2016 (programm integrat tal-iżvilupp lokali) mal-istess sieħeb implimentattiv. Dan tal-aħħar se jimmassimizza l-impatt u jiżgura s-sostenibbiltà tar-riżultati.

Fir-rigward tal-PJ7 u l-PJ8, id-diffikultajiet finanzjarji biex tiġi żgurata l-manutenzjoni tal-infrastrutturi pubblika pprovduta f'żoni informali se jiġu ttrattati wkoll fil-qafas tal-istess programm ġdid bi tħejjija, fejn l-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali proprja fir-rigward tal-kontroll u l-iżvilupp ta' żoni informali, inkluż il-manutenzjoni tal-infrastruttura pubblika, hi prevista bħala wieħed mir-riżultati mistennija.

60
Il-Kummissjoni tixtieq tindika li t-tagħmir ipprovdut taħt il-proġetti PJ3 u PJ4 diġà kien ta' benefiċċju għall-SMEs Tuneżini orjentati lejn l-esportazzjoni peress li tippermettilhom li jwettqu t-testijiet fuq il-prodotti fit-Tuneżija f'konformità mar-regoli tal-UE b'ħafna inqas spejjeż minn barra l-pajjiż. Dan irriżulta fi tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni u żieda sussegwenti tal-kompetittività fil-konfront ta' produtturi oħrajn.

Il-forniment ta' dan it-tagħmir diġà qed ikollu impatt pożittiv f'termini ta' aċċess għas-suq intern tal-UE għall-SMEs Tuneżini, anki jekk għadu ma ġiex konkluż Ftehim dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' prodotti industrijali (ACAA).

Għall-PJ11, kważi l-attivitajiet kollha ppjanati ġew implimentati sat-tmiem tal-ġemellaġġ. Barra minn hekk, peress li l-għan tal-ġemellaġġ kien li jappoġġja lill-Qorti tal-Awdituri Tuneżina biex tipprepara abbozz ta' liġi organika u tirriorganizza l-istruttura tiegħu biex timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-liġi ladarba tiġi adottata, id-dewmien ma kellu l-ebda impatt sostanzjali.

Rigward il-PJ12, minħabba bidliet frekwenti tal-gvern u n-nomina ta' Diretturi differenti (4 fi 3 snin), il-leġiżlazzjoni abbozzata fi ħdan il-proġett ma setgħetx tiġi implimentata qabel tmiem il-proġett.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

63
Fl-ewwel snin wara r-rivoluzzjoni Tuneżina, il-koordinazzjoni fost id-donaturi seħħet l-iktar fuq il-bażi tal-hekk imsejħa Programmes d'appui a la reliance (PAR), li appoġġaw il-pjan ta' rkupru ekonomiku tal-awtoritajiet u sussegwentement, fuq il-bażi tal-programm komprensiv tal-FMI.

64
Il-Kummissjoni tinnota li diversi oqsma kellhom jiġu ttrattati minħabba l-isfidi soċjoekonomiċi li kellha taffaċċja t-Tuneżija wara r-rivoluzzjoni. Ir-riżultati miksuba s'issa huma tajba peress li l-assistenza tal-UE kkontribwiet b'mod sinifikanti biex ittejjeb l-stabbiltà soċjoekonomika u politika fil-pajjiż wara r-rivoluzzjoni. Il-Kummissjoni tisħaq li hi segwiet il-politika tagħha stess tal-konċentrazzjoni tal-assistenza tagħha. Fil-fatt, minkejja l-fatt li saru attivitajiet varji ta' matul il-perjodu li qiegħed ikun rieżaminat, dawn kienu konformi mat-tliet setturi ewlenin identifikati fil-QAU 2014-16.

Kif imsemmi taħt il-punt 43, għandhom jiġu rikonoxxuti s-sitwazzjoni fit-Tuneżija mill-2011 u t-talbiet importanti li jiġi sostnut il-proċess ta' tranżizzjoni li segwa r-rivoluzzjoni f'ħafna oqsma differenti. L-UE daħħlet fis-seħħ l-istrumenti disponibbli kollha tagħha biex takkumpanja lit-Tuneżija matul dan il-proċess kumpless, li wassal għall-adozzjoni ta' Kostituzzjoni ġdida b'mod unanimu li ġiet imfaħħara, kif ukoll elezzjonijiet ħielsa u ġusti.

L-għajnuna makrofinanzjarja tal-UE tipprovdi appoġġ tal-bilanċ tal-pagamenti biex tgħin lit-Tuneżija taffaċċja l-ħtiġijiet finanzjarji esterni akuti u b'appoġġ tal-programm ta' assistenza finanzjarja li jkun maqbul mal-FMI. Dan jippermetti biex l-aġġustament ekonomiku neċessarju tat-Tuneżija jkun inqas qawwi u f'salt, u biex ikun hemm kontribut biex tiġi restawrata s-sostenibbiltà ekonomika tagħha, li hija prekundizzjoni għal żvilupp soċjali fit-tul. Il-kondizzjonalità tal-AMF għalhekk tindirizza għadd ta' prijoritajiet interkonnessi f'diversi oqsma ta' riforma strutturali, bħala approċċ komprensiv biex tappoġġa programm ta' aġġustament ekonomiku. Din il-Kummissjoni tikkunsidra li dan mhuwiex devjazzjoni mill-politika tal-Kummissjoni mill-konċentrazzjoni tal-għajnuna fuq għadd limitat ta' setturi. Barra minn hekk, f'diversi oqsma ta' appoġġ (bħal statistika, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-governanza tajba tal-Qorti tal-Awdituri) kienet kruċjali l-koordinazzjoni soda ma' donaturi oħrajn u fi ħdan is-servizzi differenti tal-Kummissjoni biex jiżdied l-ingranaġġ miżjud tal-AMF biex ir-riformi importanti jiġu implimentati bis-sħiħ.

65
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-proċess ta' programmazzjoni konġunta kien ġie sospiż fl-istennija tal-preżentazzjoni, min-naħa tal-Gvern, tal-pjan tiegħu ta' żvilupp ta' ħames snin. L-intenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri kienet li jallinjaw l-eżerċizzju tal-programmazzjoni mal-pjan ta' żvilupp ta' ħames snin, biex jittejjeb it-tqassim tax-xogħol u l-koordinazzjoni.

Il-proċess ta' programmazzjoni konġunta ser jerġa' jibda fl-2017.

## Rakkomandazzjoni 1 - Tisaħħaħ il-programmazzjoni u l-iffukar tal-assistenza tal-UE

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaċċettaw ir-rakkomandazzjoni.

(a)
Il-Kummissjoni u s-SEAE se jkomplu jużaw id-djalogu politiku u ta' politika biex jiżguraw li l-awtoritajiet Tuneżini jadottaw pjan ta' żvilupp komprensiv nazzjonali u strateġiji speċifiċi ta' riforma. Dawn il-kwistjonijiet ġew sostnuti matul iż-żjajjar fit-Tuneżija tal-Kummissarju Hahn u l-RGVP Mogherini kif ukoll waqt iż-żjara tal-President Tuneżin hawnhekk fi Brussell f'Novembru u f'Diċembru 2016.

(b)
Il-Kummissjoni u s-SEAE ser jippreparaw Qafas Strateġiku Uniku għall-2017-20 skont il-linji gwida tal-UE li jirrikjedu iffokar fuq l-assistenza tagħha fuq tliet setturi prijoritarji sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-għajnuna tagħha.

(c)
Il-programmazzjoni konġunta ser jerġa' jibda fl-2017.

68
Il-Kummissjoni tiddikjara li, f'numru limitat ta' każijiet, l-indikaturi/il-miżuri ġew issodisfati qabel l-iffirmar ta' ftehimiet ta' finanzjament. Fil-fatt, dawk il-miżuri kienu ġew approvati formalment mal-awtoritajiet bosta xhur qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament u ġew implimentati mill-Gvern fiż-żmien li ġiet adottata deċiżjoni ta' finanzjament mill-Kummissjoni. Dan għandu jitqies bħala suċċess u bħala riżultat ta' djalogu politiku intensiv mal-awtoritajiet u għalhekk ma kienx iseħħ sal-istess punt jew fl-istess qafas ta' żmien fin-nuqqas ta' operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju.

69
Is-SEAE u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ħtieġa li jaħdmu biex jantiċipaw deċiżjonijiet 'iktar għal iktar'.

**70**
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-PEFA hija għodda utli, iżda dan mhuwiex obbligu mandatorju u barra minn hekk teħtieġ impenn u kooperazzjoni sħiħa tal-pajjiż sieħeb. Wara l-2011, it-Tuneżija (u l-imsieħba tagħha), ibbenefikaw minn tużżana valutazzjonijiet ta' kwalità għolja tas-sistema ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiż. Dawn twettqu fil-qafas tal-programmi tal-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti, bħall-FMI, l-OECD u l-Open Budget Survey. Barra minn hekk, qabel ma jiġi pprovdut appoġġ tal-AMF, il-Kummissjoni wettqet, f'Diċembru 2013, Valutazzjoni Operazzjonali sħiħa u komprensiva taċ-ċirkwiti amministrattivi u finanzjarji li hemm fil-Ministeru tal-Finanzi u fil-Bank Ċentrali tat-Tuneżija.  Għalhekk il-Kummissjoni tqis li kienet disponibbli u ġiet użata informazzjoni komprensiva u rilevanti.

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-valutazzjoni attwali tal-PEFA tnediet fl-2014 u se tiġi ffinalizzata fl-2017. Id-dewmien fl-iffinalizzar tagħha huwa dovut għal problemi metodoloġiċi u 'il barra mill-kontroll tal-Kummissjoni.

## Rakkomandazzjoni 2 - Tisħiħ tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ baġitarju tal-UE

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

**(a)**
Bil-kuntest politiku iktar stabbli fit-Tuneżija tal-lum u fid-dawl ta' koordinament mill-qrib ma' donaturi oħra, il-Kummissjoni taqbel li l-indikaturi tal-prestazzjoni issa jistgħu jkunu ffokati iktar fuq operazzjonijiet futuri. Madankollu, se jkompli jiġi applikat approċċ dinamiku fejn jidħlu kriterji tal-eliġibbiltà, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida ta' appoġġ baġitarju. Fil-kuntest Tuneżin, il-miżuri individwali kienu użati bħala punti ta' riferiment għall-evalwazzjoni tal-progress ġenerali tal-Gvern fl-implimentazzjoni tal-programm tiegħu ta' riformi nazzjonali (wieħed mill-erba' kriterji ta' eliġibbiltà) u din il-prattika instab li hi partikolarment effiċjenti.

Għal dak li jikkonċerna l-aħħar sentenza li "l-iżborżi għandhom isiru bil-kundizzjoni li jitlestew b'suċċess il-miżuri individwali, pjuttost milli jkun hemm progress ġenerali", il-Kummissjoni tenfasizza li, bl-applikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-2011 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill relatati tal-2012 dwar 'L-Approċċ Futur għall-Appoġġ Baġitarju tal-UE għal Pajjiżi Terzi', dan l-approċċ dinamiku għandu jiġi applikat għall-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-Kummissjoni torbot l-iżborżi mal-indikaturi tal-prestazzjoni nnegozjati u maqbula mal-Gvern sieħeb biss wara li jkunu ntlaħqu l-kriterji kollha tal-eliġibbiltà, li juri l-progress ġenerali sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-programm.

**(b)**
Il-Kummissjoni tagħraf is-sinifikat tal-PEFA bħala għodda ta' ppjanar u monitoraġġ, madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li l-valutazzjoni tal-PEFA ma tistax tkun imposta unilateralment fuq il-Gvern sieħeb. Minkejja dan, il-Kummissjoni se tkompli tikkollabora mal-Gvern sieħeb biex tagħmel ħilitha biex twettaq il-valutazzjoni PEFA skont il-perjodiċità rakkomandata.

### 71

Il-perjodu ta' żmien ta' 11-il xahar bejn it-talba tat-Tuneżija għall-AMF u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn l-UE u t-Tuneżija li jinkludi il-kondizzjonalità tal-AMF jista' jiġi spjegat kif ġej.

Qabel l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal operazzjoni tal-AMF, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni operazzjonali komprensiva tas-sodezza taċ-ċirkwiti finanzjarji fit-Tuneżija biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju tal-UE. Il-proposta tal-Kummissjoni imbagħad kellha tiġi approvata mill-Parlament u l-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja skont l-Artikolu 212 TFUE. Għalkemm il-koleġislaturi irnexxielhom jadottaw il-proposta tal-Kummissjoni fi żmien 5 xhur mingħajr Trilogu, intilef xahar minħabba l-fatt li l-approvazzjoni mill-Parlament fis-seduta plenarja ġiet imċaqalqa fl-aħħar mument lejn is-sessjoni plenarja ta' April II. Wara l-adozzjoni tal-operazzjoni tal-AMF, in-negozjati dwar l-abbozz tal-MtQ kellhom jiġu ffinalizzati qabel mal-MtQ kellu jiġi approvat minn Kumitat ta' Stat Membru u seta' jiġi ffirmat mill-UE f'Lulju 2014 (11-il xahar wara t-talba tat-Tuneżija). L-awtoritajiet Tuneżini imbagħad ħadu iktar minn 6 xhur qabel ma rratifikaw l-MtQ f'Marzu tal-2015. L-ewwel żborż tal-AMF jista' jitħallas malajr wara r-ratifika f'Mejju tal-2015, filwaqt li t-tieni żborż jista' sseħħ biss f'Diċembru 2015 minħabba nuqqas ta' konformità mal-awtoritajiet Tuneżini bil-kondizzjonalità tal-AMF.

### Rakkomandazzjoni 3 - Isiru proposti biex jitħaffef il-proċess tal-approvazzjoni tal-AMF

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tinnota li minkejja li sar progress sinifikanti rigward ir-rapidità tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-AMF mill-Parlament u mill-Kunsill, għad hemm lok għal titjib. L-adozzjonijiet jistgħu jitħaffu iktar pereżempju jekk jista' jitnaqqas in-numru tal-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) tal-Parlament Ewropew qabel il-votazzjoni tal-Kumitat INTA, jekk l-approvazzjoni tal-Parlament issir sistematikament waqt il-plenarja (inklużi l-mini plenarji) immedjatament wara l-vot tal-INTA, jekk il-mini plenarji jintużaw għall-firem tal-Presidenti tal-Parlament u l-Kunsill u jekk il-Kunsill jagħmel użu wkoll tal-proċedura bil-miktub għall-adozzjonijiet jekk ikun hemm bżonn.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, b'segwitu ta' rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-Qorti tal-Awdituri u Riżoluzzjoni dwar l-AMF tal-Parlament tal-2003, kienet ipproponiet fl-2011, Regolament Qafas għall-AMF immirat,fost l-oħrajn biex iħaffef it-teħid tad-deċiżjonijiet billi jissostitwixxi d-deċiżjonijiet leġiżlattivi b'atti ta' implimentazzjoni. Madankollu, peress li l-koleġiżlaturi ddeċidew li jżommu l-atti leġislattivi u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Kummissjoni kienet irtirat din il-proposta fl-2013.

### 73

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-estensjonijiet mogħtija ma wasslu għall-ebda żieda fl-ispejjeż totali. Dawn kienu 'estensjonijiet bla spejjeż' peress li l-baġit globali tal-programmi ma jistax jiżdied.

L-ebda estensjoni bla spejjeż ma tista' tirriżulta f'ridistribuzzjoni ta' ċerti spejjeż għad-detriment ta' oħrajn imma tali aspetti huma parti mir-riskji assoċjati fil-ħidma f'dawn l-ambjenti. Madanakollu, matul in-negozjati ta' talbiet ta' estensjoni mingħajr spejjeż, il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-ispejjeż addizzjonali kollha tal-persunal li jirriżultaw minn tali estensjonijiet jinżammu għal livell minimu biex ma jipperikolawx is-suċċess tal-proġett. It-tul tat-transizzjoni demokratika Tuneżina kien itwal milli mistenni fiż-żmien immedjat wara r-rivoluzzjoni tal-2011, meta ġew iffirmati l-proġetti fil-kampjun.

## Rakkomandazzjoni 4 – It-titjib fl-ippjanar ta' proġetti

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu | 1.3.2016 |
| L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra) | 1.12.2016 |
| Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja | 14.2.2017 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha | 2.3.2017 |

**Aħna vvalutajna jekk l-assistenza mill-UE li twasslet lit-Tuneżija wara r-rivoluzzjoni tar-Rebbiegħa Għarbija tal-2011 intnefqitx tajjeb. Ikkonkludejna li, b'mod ġenerali, il-flus intnefqu tajjeb billi kkontribwew sinifikattivament għat-tranżizzjoni demokratika u għall-istabbiltà ekonomika tat-Tuneżija wara r-rivoluzzjoni.**
**Minkejja dan, ġew identifikati għadd ta' nuqqasijiet fil-mod ta' kif l-UE mmaniġġjat l-assistenza li ngħatat. Sabiex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjonijiet lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni li jikkonċernaw l-iffukar tal-assistenza fuq għadd żgħir ta' setturi, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ baġitarju, u fl-aħħarnett, it-titjib tal-ippjanar tal-programmi u t-tħaffif tal-implimentazzjoni tagħhom.**


CURIA RATIONUM
1977 - 2017
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet